



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2015
SWD(2015) 37 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Rapport tal-Pajjiż ta' Malta 2015

{COM(2015) 85 final}

**Dan id-dokument huwa dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea.
Huwa ma jikkostitwixxix il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni, u lanqas ma
jippreġudika tali pożizzjoni.**

Sommarju Eżekuttiv	1
1. Ix-xenarju: Is-sitwazzjoni u l-prospettiva ekonomika	3
2. Kwistjonijiet strutturali	11
2.1. Responsabbiltà fiskali	13
2.2. Effiċjenza tar-riżorsi	19
2.3. L-ambjent tan-negozju	23
2.4. Is-suq tax-xogħol, il-politiki soċjali, u l-edukazzjoni	27
AA. Tabella ta' Deskrizzjoni	34
AB. Tabelli Standard	38

LISTA TA' TABELLI

1.1. Indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni għall-MIP	9
1.2. Indikaturi ekonomiċi, finanzjarji u soċjali ewlenin - Malta	10
2.2.1. Spejjeż esterni tat-trasport f'Malta, 2012	21
AB. 1. Indikaturi makroekonomiċi	38
AB. 2. Indikaturi tas-suq finanzjarju	39
AB.3. Indikaturi tat-tassazzjoni	40
AB. 4. Indikaturi tas-suq tax-xogħol	41
AB.5. Prestazzjoni fis-suq tal-prodotti u indikaturi tal-politika	42
AB.6. Indikaturi soċjali	43
AB.7. Tkabbir ekoloġiku	44

LISTA TA' GRAFIKI

1.1. Id-domanda esterna u domestika: kontribuzzjonijiet għat-tkabbir tal-PDG	3
1.2. Dettalji tat-tkabbir	3
1.3. Livelli ta' investiment f'pajjiżi magħżula	4
1.4. L-inflazzjoni tal-prezzijiet f'Malta	4
1.5. Evoluzzjoni tal-produttività totali tal-fatturi, ekonomija totali	5
1.6. Kompożizzjoni ġeografika u settorjali tar-rata ta' bidla nominali (USD) tal-esportazzjonijiet tal-oġġetti	5

1.7. L-indiċi globali tal-kompetittività, pajjiżi tal-UE	6
1.8. Id-defiċit, id-dħul u n-nefqa totali (% tal-PDG)	6
1.9. L-esponiment tas-settur bankarju għar-residenti Maltin	8
2.1.1. Il-pagamenti elettronici <i>per capita</i> (2013)	13
2.1.2. Taxxi skont il-funzjoni f'% tal-PDG għall-UE u Malta (2012)	14
2.1.3. Id-dejn pubbliku gross bħala % tal-PDG	16
2.1.4. Proporzjon ta' dipendenza totali ((0-14 plus 65+)/(15-64))	16
2.2.1. L-intensità tal-enerġija tal-ekonomija	19
2.2.2. L-ineffiċjenzi tas-sistema tal-elettriku ta' Malta, 2013	19
2.2.3. Proporzjon tal-veloċità medja mal-veloċità tal-fluss liberu (toroq b'veloċità tal-fluss liberu <=50km/h)	21
2.3.1. Distanza għall-medja taż-żona tal-euro (fruntiera = 100)	23
2.3.2. L-aktar fatturi problematiċi biex wieħed jagħmel in-negozju (% tar-risposti)	23
2.3.3. Il-firxa tar-rati tal-imgħax korporattivi f'Malta u fiż-żona tal-euro	25
2.4.1. Indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol	27
2.4.2. Xejriet fir-rati ta' attività totali f'pajjiżi magħżula	27
2.4.3. Rati ta' attività femminili skont il-grupp tal-età, 2003-2013	28
2.4.4. Nases tal-inattività għal persuni li jaqilgħu pagi baxxi, % tal-introjtu gross, 2013	29
2.4.5. L-indikaturi tal-faqar, % tal-popolazzjoni totali	31
2.4.6. Tendenzi fir-rata ta' tluq bikri mill-iskola, %	31

LISTA TA' KAXXI

1.1. Il-proċess tas-sorveljanza ekonomika.	7
--	---

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Fl-2014, l-ekonomija u s-suq tax-xogħol komplew jaħdmu tajjeb u l-prospettiva għall-2015-16 hija favorevoli. Saħħa fl-elementi ta' bażi tas-suq tax-xogħol, bi tnaqqis fil-qgħad għal taħt is-6 %, irkupru fl-investiment u qagħda fiskali akkomodanti huma mbassra li rriżultat fi tkabbir reali tal-PDG ta' 3,3 % fl-2014. Minkejja ambjent estern diffiċli u l-livell għoli ta' intensità tal-importazzjoni tad-domanda domestika, l-esportazzjoni ta' Malta kompliet timxi b'pass aktar mgħaġġel mill-importazzjonijiet u l-qagħda barranija netta huwa mistenni li tgiebet matul is-sena li għaddiet. It-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi huma mistennija li jkomplu jissuperaw il-medja taż-żona tal-euro fl-2015-16.

Dan ir-Rapport tal-Pajjiż jivvaluta l-ekonomija ta' Malta fl-isfond tal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir tal-Kummissjoni li jirrakkomanda tliet pilastru ewlenin għall-politika ekonomika u soċjali tal-UE fl-2015: investiment, riformi strutturali u responsabbiltà fiskali. F'konformità mal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, huwa jesplora wkoll modi biex jiġi mmassimizzat l-impatt tar-riżorsi pubbliċi u jiġi stimulat investiment privat. L-osservazzjonijiet ewlenin u s-sejbiet tal-analiżi huma:

- **Minkejja livell aktar baxx ta' defiċit baġitarju, is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tibqa' sfida.** Filwaqt li Malta ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji ta' sostenibbiltà fuq medda qasira ta' żmien, dawn ir-riskji jiddiedu fil-perjodu medju u fit-tul minħabba l-impatt baġitarju ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Il-livell għoli ta' obbligi kontinġenti jippreżenta sfida addizzjonali. Każijiet ta' nuqqas ta' konformità tat-taxxa u każijiet ta' evażjoni tat-taxxa huma sfidi fit-tul li jfixklu s-sistema tat-taxxa u jostakolaw il-għbir tad-dħul.
- **Matul l-aħħar snin, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa u, fi grad inqas, tal-ħaddiema akbar fl-età tgiebet iżda għadha konsiderevolment taħt il-medja tal-UE.** L-obbligi tal-kura, il-mod kif inhumu mfassla l-benefiċċji u l-insuffiċjenza tal-arranġamenti tax-xogħol flessibbli huma ostakoli ewlenin. Malta bħalissa qiegħda tfassal u timplimenta numru ta' miżuri sabiex iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. L-

isforzi ta' politika ġew ukoll iddedikati biex tiżdied ir-rata ta' impjiegi ta' ħaddiema akbar fl-età, b'enfasi fuq iż-żieda tal-età tal-irtirar effettiva, u fuq li l-ħaddiema jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu wara l-età tal-pensjoni statutorja. Nuqqasijiet fis-sistema edukattiva jikkontribwixxu għal-livelli baxxi ta' hillet fil-popolazzjoni.

- **Sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-prestazzjoni ambjentali, l-awtoritajiet iffukaw l-isforzi fuq ir-riforma tas-settur tal-enerġija sabiex jiddiversifikaw it-taħlita tal-enerġija.** Il-miżuri huma mistennija li jtemmu d-dipendenza fuq iż-żejt fis-settur tal-elettriku sal-2016, għalkemm id-dipendenza fuq l-importazzjoni se tibqa' għolja (għall-gass u l-elettriku). Is-sistema tal-ġenerazzjoni tal-elettriku hija wkoll mistennija li ssir inqas intensiva fil-karbonju. Rigward it-trasport, minkejja li s-sistema tat-trasport pubbliku bix-xarabank ġiet privatizzata fi sforz biex tiġi promossa bidla mit-trasport individwali għal dak kollettiv, il-kostijiet esterni kkawżati mit-traffiku bit-triq jibqgħu ta' sfida.
- **Minkejja li rreġistrat titjib, il-kompetittività ta' Malta għadha ostakolata minn sfidi strutturali fl-ambjent tan-negozju u l-qafas tal-innovazzjoni.** It-tul tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku tnaqqas konsiderevolment iżda jibqa' xi ftit ogħla mill-medja tal-UE. Il-potenzjal ta' tkabbir immexxi mill-għarfien ta' Malta bħala ekonomija miftuħa żgħira għadu ma ġiex sfruttat b'mod sħiħ u r-riforma tal-ġudikatura għad trid tittratta b'mod adegwat l-ineffiċjenzi tas-sistema.
- **L-investiment kien fjakk, minkejja l-prestazzjoni ekonomika favorevoli.** L-akkumulazzjoni limitata ta' kapital sa ċertu punt irriflettiet it-tibdil fl-istruttura tal-ekonomija ta' Malta lejn attivitajiet ta' servizzi inqas intensivi fil-kapital. Madankollu, l-analiżi indikat ukoll numru ta' dgħufijiet strutturali li jxekklu l-investiment privat, bħal diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzi u ineffiċjenzi fl-ambjent tan-negozju wkoll relatati ma' nuqqasijiet fis-setturi tal-enerġija u t-trasport. L-investiment huwa mistenni li

jirkupra fuq il-perjodu medju, għalkemm mhuxwix mistenni li jilħaq il-livelli ta' qabel il-kriżi.

B'mod ġenerali, Malta għamlet ċertu progress fl-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet

Speċifiċi għall-Pajjiż maħruġa mill-Kunsill fl-2014. Sar xi progress biex titjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u biex titjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi. Sar progress fir-riforma tal-qafas fiskali bl-adozzjoni tal-Att dwar ir-Responsabilità Fiskali u l-ħatra tal-membri tal-Kunsill Fiskali, iżda l-impatti konkreti tal-arranġamenti l-ġodda se jieħdu ż-żmien biex jimmaterjalizzaw. Sar progress ukoll fit-tnaqis tad-dipendenza fuq iż-żejt impurtat, it-titjeb tar-rabtiet bejn is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol, it-titjeb tal-alternattivi għall-finanzjament tad-dejn għall-kumpaniji u t-titjeb tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Madankollu, miżuri biex tiġi riformata s-sistema tal-pensjonijiet sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha fit-tul għadhom nieqsa.

Dan ir-Rapport tal-Pajjiż juri l-isfidi tal-politika li joħorġu mill-analiżi, jiġifieri:

- **Għad hemm sfidi fir-rigward tal-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.** L-impatti tanġibbli tal-miżuri li jinsabu għaddejjin biex titjeb il-konformità tat-taxxa u tiġi miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa għadhom mhumiex ċari u l-pass tagħhom huwa bil-mod, b'mod partikolari fir-rigward tal-fużjoni tad-dipartimenti tat-taxxa. Il-pjanijiet sabiex jiġu eżaminati l-possibbiltajiet għall-promozzjoni ta' sistemi elettroniċi tal-ħlas huma inkoraġġanti, iżda għadhom fi stadju esploratorju. Fl-aħħar nett, is-sostenibilità fit-tul tad-dejn tibqa' sfida ewlenija fid-dawl tal-progress irreġistrat sa issa fuq ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet u l-implimentazzjoni tar-riforma tal-kura tas-saħħa.
- **L-effiċjenza tar-riżorsi fl-ekonomija hija mxekkla minn dgħufijiet fis-sistemi tal-enerġija u t-trasport.** Ir-riforma tas-sistema tal-enerġija qiegħda fil-proċess ta' implimentazzjoni u l-benefiċċji tanġibbli li tista' ġġib magħha għadhom iridu jimmaterjalizzaw. Fin-nuqqas ta' sforzi aktar iffukati biex tissaħħaħ il-produzzjoni lokali

tal-enerġija rinnovabbli u sabiex tiżied l-effiċjenza tal-enerġija, madankollu, id-dipendenza ta' Malta fuq l-importazzjoni tal-enerġija se tippersisti. L-indirizzar tal-konġestjoni tat-trasport bit-triq għadha wkoll sfida.


- **Minkejja xi miżuri ta' politika f'dan il-qasam, karatteristiċi strutturali jkomplu jostakolaw lill-ambjent tan-negozju milli jittejjeb.** Amministrazzjoni tqila, proċeduri ta' akkwist pubbliku bil-mod, u ġudikatura mhux effiċjenti jkomplu jirrappreżentaw sfidi sabiex Malta ssir aktar attraenti għal investuri barranin. Qafas modest għar-riċerka u l-innovazzjoni u aċċess diffiċli għall-finanzi, b'mod partikolari finanzjament mhux ta' dejn, iżidu mad-dimensjoni tal-isfida.
- **Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha tirrappreżenta potenzjal mhux sfruttat imdaqqas għall-ekonomija domestika.** L-attività fis-suq tax-xogħol għadha partikolarment baxxa fost in-nisa u ħaddiema aktar anzjani, li tirrifletti azzjoni ta' politika li għadha insuffiċjenti fl-oqsma tal-kura tal-anzjani, ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja u l-edukazzjoni u t-taħriġ, li huma meqjusa bħala fatturi ta' inibizzjoni fundamentali.

1. IX-XENARJU: IS-SITWAZZJONI U L-PROSPETTIVA EKONOMIKA

Tkabbir, inflazzjoni u qgħad

It-tkabbir ekonomiku huwa previst li jibqa' sod, appoġġat minn domanda domestika qawwija. L-ekonomija Maltija hija stmata li kibret bi 3,3 % f'termini annwali fuq l-2014 u hija mistennija li tkompli tespandi bejn wiehded u ieħor bl-istess rata matul l-2015-16 (ara l-Grafika 1.1). L-ixprun ewlieni tat-tkabbir huwa mistenni li jkun id-domanda domestika, appoġġata minn dħul disponibbli dejjem jikber tal-unitajiet domestiċi, li tirrifletti wkoll it-tnaqqis tat-tariffi tal-elettriku, u l-investiment fi proġetti kbar tal-enerġija. B'mod ġenerali, it-tkabbir reali medju tal-PDG matul l-2014-16 huwa pproġettat li jilħaq il-medja għall-2005-8.

Grafika 1.1: **Id-domanda esterna u domestika: kontribuzzjonijiet għat-tkabbir tal-PDG**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-gwadanji fis-suq tax-xogħol kienu l-mutur ewlieni tat-tkabbir f'dawn l-aħħar snin. Wara li bdew minn livell baxx f'nofs id-deċennju li għadda, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u r-rata tal-impjeg f'Malta kienu ħafna aktar dinamiċi milli fil-bqija taż-żona tal-euro. Dan kien jirrifletti prinċipalment attività oġhla fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari tan-nisa, kif ukoll żviluppi demografiċi favorevoli, jiġifieri żieda oġhla fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, ukoll minħabba l-flussi tal-migrazzjoni. Il-kwalità tal-kapital uman

tjebbet ukoll tul dan il-perjodu, kif muri minn żieda sinifikanti fil-kisba ta' edukazzjoni terzjarja, għalkemm dan l-iżvilupp qed jibda wkoll minn baxxi ħafna (ara t-Taqsima 2.4 għal aktar diskussjoni dwar kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni u tat-taħriġ). L-ekonomija kienet kapaċi tassorbi b'mod sħiħ iż-żieda fil-provvista u r-rata tal-qgħad irkuprat għal-livell baxx tagħha ta' qabel il-kriżi ta' 6 %, wara li laħqet is-6,9 % fl-2009-10.

Grafika 1.2: **Deftalji tat-tkabbir**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, kalkoli proprji

Fl-istess ħin, l-investiment stagħna. Wara li kienu mutur prominenti tat-tkabbir fl-ewwel nofs tad-deċennju li għadda, iż-żidiet fil-kapital stagħaw, b'mod partikolari wara l-kriżi finanzjarja globali. Dan l-istagħnar kien minħabba tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku fis-settur tal-kostruzzjoni, bl-investiment fl-akkomodazzjoni jonqos b'mod partikolarment qawwi, filwaqt li l-investiment fit-tagħmir baqa' relattivament stabbli. Sa ċertu punt, id-dinamika tal-investiment irrifletti ukoll ir-ristrutturar tal-ekonomija lejn attivitajiet tas-servizzi aktar intensivi fl-impjiegi kif ukoll, sa ċertu punt, il-preferenza tal-impriżi li jużaw il-fondi tagħhom biex iżommu l-impjegati. B'risultat ta' dan, l-intensità tal-kapital tal-ekonomija Maltija hija fost l-aktar baxxi fl-UE. It-tnaqqis fl-attività tal-investiment kien aktar qawwi fis-settur privat, fejn waqgħet ħafna taħt il-medja taż-żona tal-euro (ara l-Grafika 1.3). L-investiment huwa mistenni li

jirkupra fuq il-perjodu medju, għalkemm mhuwiex mistenni li jilħaq il-livelli ta' qabel il-kriżi.


Grafika 1.3: Livelli ta' investiment f'pajjiżi magħżula



L-UE-4 jikkonsistu fl-EE, CY, LV u LU
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

L-inflazzjoni tal-prezzijiet hija prevista li tibqa' moderata f'perspettiva storika, iżda xorta waħda ogħla mill-medja fiż-żona tal-euro. Huwa pproġettat li l-perssonijiet deflazzjonarji preżenti madwar l-Ewropa se jkunu inqas qawwija f'Malta. L-inflazzjoni tal-HICP hija prevista li tibqa' taħt il-medja fit-tul, jigiġifieri fit aktar minn 1 %, minkejja li għadda l-effett bażi mit-tniżżil ta' tariffi tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi. In-normalizzazzjoni ta' żviluppi fil-prezzijiet tal-komoditajiet fis-swieq globali fl-2016 hija mistennija li tirriżulta f'li l-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur tmur lura lejn il-medja fit-tul tagħha ta' madwar 2 %.

Grafika 1.4: L-inflazzjoni tal-prezzijiet f'Malta




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Id-dinamika tal-produttività

Żidiet sinifikanti fl-impjeggi ħbew il-prestazzjoni kważi staġnata fil-produttività. Il-produttività totali tal-fatturi staġnat mill-bidu tad-deċennju li għadda, u din baqgħet taħt il-medja għall-UE u konsiderevolment taħt il-medja għall-Istati Membri li daħlu fl-UE fl-2004 (ara l-Grafika 1.5). Il-produttività tax-xogħol f'Malta fl-2012 kienet madwar terz biss tal-medja tal-UE ⁽¹⁾. Żviluppi fil-produttività taħt il-medja jirriflettu wkoll infiq baxx fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (RuŻ) u sehem żgħir tal-fatturat ta' prodotti ġodda mill-fatturat totali tal-intrapriżi ⁽²⁾. (Ara wkoll it-Taqsima 2.3). L-iżviluppi tal-pagi kienu relattivament limitati, iżda l-kumpens għal kull impjegat espress fl-istandard tal-kapaċità tax-xiri (jigiġifieri b'korrezzjoni għad-differenzi fil-prezzijiet madwar l-Istati Membri) kien ta' madwar 80 % tal-medja tal-UE fl-2013, li jindika li hemm allinjament ħażin bejn il-produttività u s-salarji.

⁽¹⁾ Il-produttività tax-xogħol għal kull siegħa maħduma fl-2012, espressa fl-istandard tal-kapaċità ta' xiri. Sors: Eurostat.

⁽²⁾ Il-fatturat mill-innovazzjoni kien jirrappreżenta 7,4% tal-fatturat f'Malta fl-2010, meta mqabbel mal-medja ta' 13,4% fl-UE.

Grafika 1.5: **Evoluzzjoni tal-produttività totali tal-fatturi, ekonomija totali**

2000=100

L-UE-12 jikkonsistu fil-BG, CZ, EE, CY, LV, LT, HU, MT, PL, RO, SI, u s-SK


Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-pożizzjoni esterna u l-kummerċ

Il-bilanċ estern nett stabbilizza ruħu f'bilanċ pożittiv moderat, u b'hekk jagħti appoġġ għas-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tal-ekonomija. It-titjib tal-kummerċ estern u ż-żidiet fl-influssi tal-kapital irriżultaw f'aġġustament sinifikanti 'l fuq tal-bilanċ estern nett, li nbidel minn defiċit sinifikanti qabel il-kriżi tal-2009 għal pożizzjoni ta' bilanċ pożittiv. Dan l-iżvilupp jirrifletti wkoll l-impatt pożittiv ta' rata ta' impjeg li dejjem qed tiżdied fuq it-tfaddil tal-ekonomija, li żied mad-domanda baxxa għal importazzjonijiet ta' kapital minħabba t-tnaqqis fl-investment. B'riżultat ta' dan, il-bilanċ pożittiv nett tal-pożizzjoni tal-investment internazzjonali ssaħħaħ. Il-pożizzjonijiet ta' stokk kbar li jiffurmaw il-bilanċ nett, l-aktar minħabba s-settur finanzjarju, jagħmlu s-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna vulnerabbli għax-xokkijiet tar-rati tal-imgħax. Dan ir-riskju huwa sa ċertu punt imtaffi mill-fatt li l-obbligazzjonijiet ta' banek internazzjonali kbar li joperaw minn Malta huma fil-biċċa l-kbira marbutin mal-assi tagħhom.

Minkejja t-tkabbir ekonomiku qawwi, Malta tilfet mill-ishma tas-suq tal-esportazzjoni tagħha. Tnaqqis ġie rreġistrat l-aktar fl-esportazzjonijiet tal-oġġetti, li jirrifletti telf kemm fis-swieq tal-prodotti kif ukoll fdawk ġeografiċi

(ara l-Grafika 1.6). Dawn l-iżviluppi sa ċertu punt jirriflettu wkoll tnaqqis fir-riesportazzjonijiet taż-żejt, li fi ftit snin kibru biex saru porzjon sinifikanti mill-esportazzjonijiet tal-oġġetti ta' Malta (aktar minn 30 % fl-2011). L-esportazzjonijiet tas-servizzi, l-ixprun ewlieni tal-ekonomija Maltija, raw deterjorament fil-prestazzjoni tagħhom fl-2013. Minkejja t-titjib fil-bilanċ tal-kummerċ estern, dawn l-iżviluppi jistgħu jkunu indikazzjoni li ċerti setturi jistgħu jkunu qed jitilfu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom. Tabilħaqq, il-kostijiet ta' unità lavorattiva qed jiżdiedu b'mod aktar dinamiku milli fil-pajjiżi kompetituri, li jirrifletti kemm l-inflazzjoni domestika kif ukoll żviluppi mrażżna fil-kost tax-xogħol fil-kompetituri.

Grafika 1.6: **Kompożizzjoni ġeografika u settorjali tar-rata ta' bidla ' nominali (USD) tal-esportazzjonijiet tal-oġġetti**


Sors: Dejta COMTRADE (Klassifikazzjoni tal-Prodotti HS 1992), kalkoli tal-Kummissjoni

Il-paraguni internazzjonali tal-kompetittività ta' Malta jindikaw numru ta' oqsma għat-titjib.

Il-punteġġ globali tal-kompetittività ta' Malta, skont il-Global Competitiveness Report tal-Forum Ekonomiku Dinji, huwa qrib tal-medjan għall-pajjiżi tal-UE, li jissuġġerixxi li Malta sa ċertu punt inexxielha tegħleb il-limitazzjoni imposta mid-daqs żgħir tas-suq domestiku. Minbarra d-daqs tas-suq, in-nuqqasijiet prinċipali identifikati mir-rapport huma l-innovazzjoni (ara t-Taqsima 2.3) u l-effiċjenza tas-suq tax-xogħol (ara t-Taqsima 2.4), minkejja li dawn iż-żewġ kategoriji rreġistraw gwadanji fis-snin riċenti. Il-kwalità tal-istituzzjonijiet hija wkoll meqjusa bħala

impediment ewlieni, kif identifikat ukoll mir-rapport Doing Business tal-Bank Dinji (ara t-Taqsima 2.3).

Grafika 1.7: L-indiċi globali tal-kompetittività, pajjiżi tal-UE



Sors: Ir-Rapport Globali tal-Kompetittività 2014-15


Żviluppi fil-finanzi pubbliċi

Il-prestazzjoni baġitarja ta' Malta matul l-10 snin li għadew uriet tendenzi differenti, b'xi nefqiet żejda, marbuta wkoll mad-dgħufijiet fil-qafas baġitarju fl-istadju ta' eżekuzzjoni. F'Ġunju 2013, xi xhur wara l-abrogazzjoni tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv preċedenti, Malta tqiegħdet lura fil-proċedura għat-tielet darba sa mill-adeżjoni tagħha mal-UE. Dan irrifletta nuqqas sinifikanti ta' lħiq ta miri fiskali fl-2012 u n-nuqqas li jiġi żgurat pass suffiċjenti tat-tnaqqis tad-dejn lejn il-limitu ta' 60 % tal-PDG tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. In-nuqqas ta' qafas fiskali vinkolanti fil-passat naqqas il-kredibbiltà tal-istrateġija fiskali tal-Gvern u implika orizzont ta' pjanifikazzjoni fiskali qasir. Minħabba l-qafas fiskali dgħajjef ħafna u minkejja impenji ripetuti biex titrażżan in-nefqa kurrenti⁽³⁾, kien hemm nuqqas ta' lħiq tal-miri fis-snin preċedenti, li ta' spiss ġie kkompensat parzjalment minn investimenti pubbliċi iktar baxxi milli ppjanat. Dan kien marbut ma' proġettazzjonijiet ottimisti għat-tkabbir ekonomiku

(3) B'mod partikolari, jidher li n-nuqqas ta' lħiq tal-miri kien frekwenti fin-nefqa kurrenti, jiġifieri l-paġi pubbliċi, il-konsum intermedju u s-sussidji.

u d-dħul tal-Gvern matul l-aħħar 10 snin. Fl-2000-07, Malta rreġistrat wieħed mill-ogħla żbalji fit-tbassir fost il-pajjiżi tal-UE, filwaqt li l-iżbalji ta' proġettazzjoni kienu iżgħar f'pajjiżi fejn il-previżjonijiet huma prodotti minn korpi indipendenti jew taħt l-iskrutinju tagħhom⁽⁴⁾. L-iżbalji fit-tbassir naqsu minn dak iż-żmien 'il hawn u din ix-xejra nqalbet fl-2012-13, meta r-risultati attwali tad-dħul irriżultaw iktar pożittivi mill-proġettazzjonijiet, li għamel tajjeb għal xi eċċessi fin-nefqa.

Grafika 1.8: Id-defiċit, id-dħul u n-nefqa totali (% tal-PDG)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-finanzi pubbliċi ta' Malta ma jidhrux li qed jiffaċċaw riskji ta' sostenibbiltà fuq medda qasira ta' żmien. Il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mqabbel mal-PDG żdied għal 69,5 % fl-2013, ukoll minħabba aġġustament bejn il-fondi u l-flussi li jkabbra id-dejn minħabba xi arretrati tat-taxxi mill-Koporazzjoni Enemalta (l-utilità pubblika tal-enerġija). Fl-2014, il-proporzjon tad-dejn huwa mbassar li jonqos għal 68,6 % tal-PDG u li jonqos aktar fis-snin ta' wara, bis-saħħa wkoll ta' tkabbir favorevoli tal-PDG nominali. Madankollu, stima komprensiva tas-sostenibbiltà fiskali għandha tkun ibbażata fuq il-medda ta' żmien kollha. Abbażi ta' evalwazzjoni ġenerali, is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi ta' Malta qed tiffaċċa riskji li qed

(4) Sors: European Central Bank Monthly Bulletin, Frar 2013.

jizjeddu sostanzjalment fil-perjodu medju u fit-tul (ara t-Taqsima 2.1).

Stabbiltà finanzjarja

Filwaqt li d-depożiti komplew jizjeddu b'ritmu sod, is-self staġna. Wara perjodu ta' staġnar fl-2009-10, id-depożiti tal-unitajiet domestiċi bdew jikbru b'rata dejjem iktar mgħagħla li rriflettiet ukoll it-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Fl-2014, id-depożiti tal-unitajiet domestiċi żdiedu b'10 %, rata ta' tkabbir ogħla b'mod sinifikattiv mill-medja storika. Fl-istess ħin, l-ġhoti ta' self, partikolarment għall-impriżi, kien dgħajfef, li jindika nuqqas ta' tqabbil bejn id-domanda għall-kreditu u l-provvista tagħha. Dan irriżulta f'titjib tal-likwidità għall-banek Maltin (ara l-Grafika 1.9) u kkontribwixxa għal titjib sinifikanti fil-bilanċ estern nett tal-ekonomija. Skont l-Istħarriġ dwar is-Self mill-Banek tal-BĊE, il-kundizzjonijiet tal-kreditu tjebeu fl-2013 u fl-ewwel nofs tal-2014 minħabba żieda fid-domanda minn impriżi ta' daqs żgħir jew medju (SMEs) u unitajiet domestiċi. Rati għolja ta' imgħax għal self korporattiv u standards stretti ta' kreditu, madankollu, qed ikomplu jdgħajfu d-domanda għall-finanzjament mill-banek.

L-indikaturi ta' sodezza finanzjarja aggregata jibqgħu sodi iżda l-kwalità tal-assi qiegħda tiddeterjora. Iż-żewġ parteċipanti ewlenin fis-suq lokali tal-bejgħ bl-immut, Bank of Valletta u HSBC


Malta, issuperaw b'marġini komdu l-limiti stabbilti fl-analiżi komprensiva tal-kwalità tal-assi u test ta' stress, qabel ma ngħaqdu tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Kumplessivament, il-banek domestiċi ewlenin, il-parti tas-settur bankarju li l-attività ewlenija tagħhom tikkonsisti fil-forniment ta' servizzi lill-ekonomija domestika, huma profittabbli u żammew l-adegwatezza kapitali tagħhom. Il-kwalità tal-assi, madankollu, qiegħda tiddeterjora. Minn naħa waħda dan jindika diffikultajiet ta' xi setturi tal-ekonomija fil-manteniment tas-self tagħhom minkejja l-ambjent makroekonomiku relattivament pożittiv. Min-naħa l-oħra, dan jista' wkoll jindika diffikultajiet li l-banek qed jiffaċċaw biex isolvu jew iħassru self ħażin, b'mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni. Id-deterjorament tal-kwalità tal-assi qiegħed ukoll iwaqqaf lill-banek milli jbaxxu l-istandards tal-kreditu tagħhom u jieħdu rwol aktar attiv fl-appoġġ għat-tkabbir. It-tkabbir tas-self kompli fit-tieni nofs tal-2014, li jista' jikkontribwixxi biex jiġi stabbilizzat jew saħansitra jitnaqqas il-proporzjon ta' self improduttiv għal self gross. Livelli ta' dejn korporattiv li għadhom għolja, madankollu, ikomplu jillimitaw id-domanda għal finanzjament bid-dejn ġdid u jenfazzjaw l-importanza li tinżamm il-kompetittività sabiex jiġi żgurati li l-kumpaniji jiġġeneraw biżżejjed flussi ta' flus biex imantnu l-obbligazzjonijiet tagħhom.

Kaxxa 1.1: Il-Proċess tas-Sorveljanza Ekonomika.

L-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir tal-Kummissjoni, adottat f'Novembru 2014, beda s-Semestru Ewropew tal-2015, u ippropona li l-UE ssegwi approċċ integrat għall-politika ekonomika mibni madwar tliet pilastri ewlenin: l-ixprunar tal-investiment, l-aċċellerazzjoni tar-riformi strutturali u t-tweqqif ta' konsolidament fiskali responsabbli u li jħares it-tkabbir. L-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir ippreżenta wkoll il-proċess tas-simplifikazzjoni tas-Semestru Ewropew sabiex iżid l-effikaċja tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fil-livell tal-UE permezz ta' responsabbiltà akbar u billi tiġi inkoraġġita sjieda akbar min-naħa tal-atturi kollha.

Dan ir-Rapport tal-Pajjiż jinkludi valutazzjoni tal-progress lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2014 adottati mill-Kunsill f'Lulju 2014. Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għal Malta kienu jirrigwardaw il-kisba ta' korrezzjoni mingħajr dewmien u li tibqa' fit-tul tad-defiċit eċċessiv skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv, b'mod li tiġi żgurata s-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi, tittejjeb l-utilizzazzjoni tal-kapital uman, jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-enerġija u tinżamm il-kompetittività billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-ambjent tan-negozju.

Grafika 1.9: L-esponiment tas-settur bankarju għar-residenti Maltin



Nota: Pretensjonijiet fuq ir-residenti jinkludu self, titoli tad-dejn u ekwità u ishma oħra

Sors: Il-Bank Ċentrali ta' Malta

Tabella 1.1: Indikaturi ta' tabella ta' valutazzjoni għall-MIP

		Limiti minimi	2008	2009	2010	2011	2012	2013	
Żbilanċi esterni u l-kompetittività	Bilanċ tal-Kont Kurrenti (% tal-PDG)	medja ta' 3 snin	-4%/6%	-3.6e	-2.5	-3.9	-1.9	0.9	4.0
		p.m.: sena tal-livell	-	-0.9e	-4.8	-5.9	5.0	3.6	3.2
	Pożizzjoni tal-investiment internazzjonali nett (% tal-PDG)		-35 %	4.5e	24.0	35.1	39.2	53.7	49.2
	Rata tal-kambju reali effettiva (REER) (42 pajjiż industrijali - deflatur tal-HICP)	bidla % (3 snin)	±5% & ±11%	5.8	5.8	-0.7	-5.0	-7.6	-1.3
		p.m.: bidla % sena fuq sena	-	3.7	0.7	-5.0	-0.8	-2.0	1.4
	Ishma tas-Suq tal-Esportazzjoni	bidla % (5 snin)	-6 %	-4.9	10.4	16.4	10.6	5.2	-4.0
		p.m.: bidla % sena fuq sena	-	4.5	6.1	-3.1	-1.3	-0.8	-0.2
	Nominal unit labour costs (ULC)	bidla % (3 snin)	9% & 12%	9.5	11.2	9.2	10.1	8.7	9.5
		p.m.: bidla % sena fuq sena	-	3.2	5.6	0.2	4.0	4.3	0.9
	Żbilanċi interni	Prezzijiet tad-Djar Deflatati (bidla % sena fuq sena)		6 %	7.2	-6.2	-1.0	-2.3	0.5
Fluss tal-Kreditu tas-Settur Privat bħala % tal-PDG, ikkonsolidat		14 %	22.7p	-1.6p	-5.0p	3.5p	-1.2p	0.4p	
Dejn tas-Settur Privat bħala % tal-PDG, ikkonsolidat		133 %	158.6e	164.8	160.4	156.8	145.6	137.1	
Dejn tas-Settur tal-Amministrazzjoni Pubblika bħala % tal-PDG		60 %	62.7	67.8	67.6	69.8	67.9	69.8	
Rata tal-Qgħad		medja ta' 3 snin	10 %	6.4	6.5	6.6	6.7	6.5	6.4
		p.m.: sena tal-livell	-	6.0	6.9	6.9	6.4	6.3	6.4
Obbligazzjonijiet tas-Settur Finanzjarju Totali (bidla % sena fuq sena)		16.5 %	11.5e	9.3e	2.7	8.7	5.8	0.7	
<p>Taqsiriet: e: smat, p: provviżorju, na: mhux disponibbli.</p> <p>Nota: Iċ-ċifri mmarkati huma dawki li jaqgħu barra mil-limitu minimu stabbilit mir-Rapport tal-Mekkaniżmu ta' Allerta tal-KE. Għar-REER u l-ULC, l-ewwel limitu minimu jirrigwarda l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro. (1) Iċ-ċifri italiċi huma skont l-istandards il-qodma (ESA95/BPM5). (2) Deġta tal-ishma tas-suq tal-esportazzjoni: l-esportazzjoni totali tad-dinja hija bbażata fuq il-5 edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BPM5). (3) Indikatur tal-Prezz tad-Djar: 3 = Stimu tal-Eurostat. (4) Il-Bilanċ tal-Kont Kurrenti ġie rivedut 'il fuq wara l-inkorporazzjoni ta' deġta tal-Entitajiet bi Skop Speċjali estratta minn rekords amministrattivi u stimu tal-kontijiet nazzjonali. (5) Il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali ġiet riveduta 'il fuq wara l-inkorporazzjoni ta' deġta tal-Entitajiet bi Skop Speċjali minn rekords amministrattivi u dikjarazzjonijiet finanzjarji awdijati.</p> <p>Sors: Il-Kummissjoni Ewropea</p>									

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Eurostat u d-DĠ ECFIN (għall-indikaturi fuq ir-REER)

Tabella 1.2: Indikaturi ekonomiċi, finanzjarji u soċjali ewlenin - Malta

	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Tbassir		
							2014	2015	2016
PDG reali (sena fuq sena)	3.3	-2.5	3.5	2.2	2.5	2.5	3.3	3.3	2.9
Konsum privat (sena fuq sena)	-0.2	1.8	-0.2	2.5	0.4	1.6	2.3	2.3	2.4
Konsum pubbliku (sena fuq sena)	12.3	-3.3	1.6	2.8	6.3	0.5	5.8	1.2	4.9
Formazzjoni grossa tal-kapital fiss (sena fuq sena)	-9.2	-11.8	26.4	-18.0	-0.5	2.3	10.0	8.0	0.0
Esportazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi (sena fuq sena)	19.4	-0.4	6.9	2.5	7.9	-1.2	1.0	4.7	5.2
Importazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi (sena fuq sena)	19.5	0.3	7.6	-0.4	5.2	-1.0	1.7	4.7	5.0
Distakk tal-produzzjoni	2.7	-1.7	-0.7	-0.4	-0.3	-0.3	0.2	0.4	0.5
Kontribuzzjoni għat- tkabbir tal-PDG:									
Domanda domestika (sena fuq sena)	0.0	-1.9	5.0	-1.9	1.4	1.4	4.1	2.9	2.3
Inventarji (sena fuq sena)	3.4	0.6	-0.2	-0.4	-3.4	1.5	0.0	0.0	0.0
Esportazzjonijiet netti (sena fuq sena)	0.0	-1.1	-1.2	4.4	4.5	-0.4	-0.9	0.3	0.6
Bilanċ tal-kont kurrenti (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-4.80*	-8.90*	-5.96*	-7.9*	3.6	3.0	.	.	.
Bilanċ tal-kummerċ (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-1.95*	-2.28*	.09*	3.78*	6.8	7.2	.	.	.
Termini tal-kummerċ tal-oġġetti u s-servizzi (sena fuq sena)	-0.5	-0.1	1.1	-0.3	-0.1	0.4	0.2	0.4	0.1
Pożizzjoni netta tal-investiment internazzjonali (% tal-PDG)	2.6*	12.6*	8.1*	6.8*	22.9*	71.8	.	.	.
Dejn estern nett (% tal-PDG)	-71.1*	-82.2*	-161.0*	-153.0*	-171.6*	-115.5*	.	.	.
Dejn estern gross (% tal-PDG)	537.7*	503.2*	511.0*	502.6*	509.0*	886.9	.	.	.
Prestazzjoni tal-esportazzjoni vs il-pajjiżi avvanzati (% ta' bidla fuq ħames snin)	7.5*	20.5*	27.1*	21.2*	16.3*	2.8*	.	.	.
Sehem tas-suq tal-esportazzjoni, oġġetti u servizzi (%)	0.0*	0.0*	0.0*	0.0*	0.1	0.1	.	.	.
Rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi (tfaddil nett bħala perċentwal tad-dħul disponibbli nett)
Fluss tal-kreditu privat, ikkonsolidat, (% tal-PDG)	22.7	13.4	8.3	4.5	1.8	2.3	.	.	.
Dejn tas-settur privat, ikkonsolidat, (% tal-PDG)	158.7	164.3	158.7	155.6	150.5	143.0	.	.	.
Indiċi tal-prezzijiet tad-djar deflatat (sena fuq sena)	7.6	-6.8	-1.8	-1.0	0.9	-1.6	.	.	.
Investiment residenzjali (% tal-PDG)	5.6	4.3	3.4	3.4	3.0	2.9	.	.	.
Obbligazzjonijiet totali tas-settur finanzjarju, mhux konsolidati (sena Proporzjon tal-Grad 1 ¹)	9.9*	-2*	13.0	10.7	5.6	1.9	.	.	.
Proporzjon tas-solvenza kumplessiv ²
Self dubjuż u inadempjenti totali gross (% tal-istrumenti totali tad-dejn u s-self u l-avvanzi totali) ²
Bidla fl-impjeg (numru ta' nies, sena fuq sena)	2.5	0.0	1.7	2.8	2.3	4.0	2.7	2.0	1.9
Rata tal-qgħad	6.0	6.9	6.9	6.4	6.3	6.4	6.0	5.9	5.9
Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva)	2.5	2.9	3.1	3.1	3.1	2.9	.	.	.
Rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (% tal-popolazzjoni attiva fl-istess grupp tal-età)	11.7	14.5	13.2	13.3	14.1	13.0	12.7	.	.
Rata tal-attività (persuni tal-età ta' 15-64 sena)	59.1	59.4	60.4	61.8	63.1	65.0	.	.	.
Żgħażaġħ mhux f'impjeg, edukazzjoni jew taħriġ (%)	8.3	9.9	9.5	10.2	10.6	10.0	.	.	.
Persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali)	20.1	20.3	21.2	22.1	23.1	24.0	.	.	.
Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar (% tal-popolazzjoni totali)	15.3	14.9	15.5	15.6	15.1	15.7	.	.	.
Ir-rata tad-deprivazzjoni materjali severa (% tal-popolazzjoni totali)	4.3	5.0	6.5	6.6	9.2	9.5	10.2	.	.
Numru ta' persuni li qed jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (% tal-popolazzjoni totali taħt l-età ta' 60 sena)	8.6	9.2	9.2	8.9	9.0	9.0	.	.	.
Deflatur tal-PDG (sena fuq sena)	3.0	2.7	3.8	2.2	2.1	2.0	1.6	1.5	1.7
Indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur (HICP) (sena fuq sena)	4.7	1.8	2.0	2.5	3.2	1.0	0.8	1.0	1.9
Kumpens nominali għal kull impjegat (sena fuq sena)	4.0	3.0	2.0	3.6	4.3	-0.3	2.4	1.8	2.2
Produttività tax-xogħol (reali, persuna impjegata, sena fuq sena)	0.8	-2.5	1.8	-0.6	0.2	-1.5	.	.	.
Kostijiet tal-unità lavorattiva (ULC) (l-ekonomija sħiħa, sena fuq sena)	3.2	5.6	0.2	4.3	4.1	1.2	1.8	0.5	1.2
Kostijiet reali tal-unità lavorattiva (sena fuq sena)	0.2	2.8	-3.5	2.0	1.9	-0.8	0.3	-1.0	-0.5
REER ³ (ULC, sena fuq sena)	2.6	1.3	-3.1	3.9	0.0	2.8	1.1	-2.2	0.4
REER ³ (HICP, sena fuq sena)	1.6	2.1	-3.0	-0.4	-1.0	0.8	1.2	-0.4	0.2
Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)	-4.2	-3.3	-3.3	-2.6	-3.6	-2.7	-2.3	-2.0	-1.8
Bilanċ strutturali tal-baġit (% tal-PDG)	.	.	-4.3	-3.0	-3.9	-2.7	-2.7	-2.4	-2.2
Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)	62.7	67.8	67.6	69.8	67.5	69.5	68.6	68.0	66.8

Sors: Il-Eurostat, il-BĊE, AMECO

2. KWISTJONIJIET STRUTTURALI

2.1. RESPONSABILITÀ FISKALI

Tassazzjoni

Il-konformità tat-taxxa u l-evazzjoni tat-taxxa jirrappreżentaw sfida fit-tul f'Malta. Malta tejbet il-qagħda baġitarja tagħha matul l-aħħar sentejn iżda għadha teħtieġ li tkompli l-isforzi tal-konsolidazzjoni tagħha. Il-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa u t-tisħiħ tal-konformità tat-taxxa jgħinu l-proċess tal-konsolidazzjoni fiskali billi jżidu d-dħul tat-taxxa u jiżguraw sistema ta' għbir tat-taxxa ġusta, effettiva u effiċjenti. Malta għandha livell pjuttost għoli ta' dejn tat-taxxa mhux ikkontestat bħala proporzjon tal-kollezzjonijiet tad-dħul netti (fil-ħames post fl-UE) ⁽⁵⁾. Il-bilanċ gross tal-għeluq tal-arretrati tat-taxxa ⁽⁶⁾ kien ta' 25,9 % tal-PDG fl-2013, li minnhom 12,4 % u 7,7 % tal-PDG rispettivament huma relatati mal-arretrati tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u t-taxxa fuq l-introjt ⁽⁷⁾. Minn dan il-bilanċ, madwar 5,5 % tal-PDG tqies bħala li jista' jinġabar, filwaqt li l-arretrati tal-VAT li jistgħu jinġabru jirrappreżentaw biss 0,7 % tal-PDG. Is-sejbiet minn studju riċenti jissuġġerixxu li d-distakk tal-VAT ⁽⁸⁾ huwa fost l-ogħla fl-UE ⁽⁹⁾. Għalkemm ma huma disponibbli l-ebda estimi affidabbli, stħarriġ riċenti ⁽¹⁰⁾ jindika sehem importanti ta' xogħol mhux iddikjarat fl-ekonomija Maltija ⁽¹¹⁾. Dan jista' jkun xprunat mill-prominenza ta' "setturi sensittivi" bħall-kostruzzjoni, is-servizzi personali u domestiċi, it-

⁽⁵⁾ OECD, Tax Administration 2013.

⁽⁶⁾ L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, "Report by the Auditor General on the Public Accounts 2013".

⁽⁷⁾ Din hi żieda meta mqabbla mal-2012: il-bilanċ tal-għeluq gross tal-arretrati fl-2012 kien ta' 21,7% tal-PDG, li minnhom l-arretrati tal-VAT u tat-taxxa fuq l-introjt kienu 9,7% u 7,3% tal-PDG rispettivament.

⁽⁸⁾ Id-differenza bejn l-ammont tal-VAT li nġabar u l-ammont li teoretikament kellu jinġabar abbażi tal-legalizzazzjoni tal-VAT.

⁽⁹⁾ L-aħħar ċifri jinvolvu revizzjoni kbira 'l fuq minħabba korrezzjoni għall-kalkoli tal-esportazzjonijiet tal-logħob tal-azzard (li huma eżenti mill-VAT, iżda li l-input tal-VAT għalihom mhuwiex rekuperabbli). L-Istati Membri kollha kienu involuti fil-proċess tal-kompilazzjoni ta' dan ir-rapport u l-analizzar tar-riżultati qabel il-publikazzjoni. Madankollu, il-Ministeru tal-Finanzi bħalissa qiegħed jirrieżamina d-dejta u l-metodoloġija qabel l-edizzjoni li jmiss tar-rapport li hija dovuta fl-2015. L-istudju jinsab hawn:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/common/publications/studies/vat_gap2012.pdf


⁽¹⁰⁾ Stħarriġ tal-Ewrobarometru, "Undeclared Work in the EU", Marzu 2014.

⁽¹¹⁾ Perċentwali relattivament għolja ta' dawk li wiegħu għall-istħarriġ qalu li kienu xtraw oġġetti jew servizzi mhux iddikjarati f'din l-aħħar sena u li kienu impjegati mingħajr kuntratt formali bil-miktub.

turiżmu, il-kummerċ, is-snaġġa u l-forniment tal-ikel, u mill-proporzjon għoli ta' mikroimpriżi u impriżi żgħar fis-settur tal-manifattura flimkien ma' inċidenza għolja ta' immigrazzjoni illegali (għalkemm żidiet riċenti fir-rati tal-attività jistgħu parzjalment jirriflettu tnaqqis fl-informalità).

Il-pagamenti elettroniċi jistgħu jsaħħu l-konformità mat-taxxa iżda għadhom użati relattivament ftit f'Malta. Il-pagamenti elettroniċi f'Malta huma taħt il-medja tal-UE f'termini *per capita* (EUR 261 000 *per capita* meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' EUR 483 000) ⁽¹²⁾ (ara l-Grafika 2.1.1) u lanqas ma jeżistu limiti għal pagamenti fi flus kontanti f'Malta.

Grafika 2.1.1: Il-pagamenti elettronici per capita (2013)



Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew


Malta hija fil-biċċa l-kbira konformi mal-linji gwida maħruġa mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) ⁽¹³⁾. F'termini tat-taxxa korporattiva, ir-rata tat-taxxa ta' Malta hija waħda mill-ogħla fl-UE (35 %), iżda s-sistema tat-taxxa ta' imputazzjoni sħiħa u r-rifużjonijiet assoċjati jistgħu jnaqqsu r-rata tat-taxxa effettiva għal 5 jew 10 %. Hemm

⁽¹²⁾ Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew. Iċ-ċifri jkopru trasferimenti ta' kreditu, debiti diretti u ħlasijiet bil-kard.

⁽¹³⁾ Trasparenza tat-taxxa 2014: Rapport dwar il-Progress, OECD - Global Forum on Transparency and Exchange of Information for Tax Purposes <http://www.oecd.org/tax/transparency/GFAnnualreport2014.pdf>

ukoll sistemi favorevoli ta' tassazzjoni tal-proprjeta intellettwali, l-ebda taxxa minn ras il-għajn fuq dividendi, interessi u royalties diretti barra mill-pajjiż⁽¹⁴⁾ u strutturi limitati kontra l-abbuż.

Grafika 2.1.2: **Taxxi skont il-funzjoni f% tal-PDG għall-UE u Malta (2012)**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

L-awtoritajiet Maltin ħadu sensiela ta' passi sabiex jipprovdu sistema ġusta tat-taxxa permezz tal-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Waħda mill-miżuri ewlenin tinvolvi l-fużjoni tad-dipartimenti tad-dħul f'awtorità unika sabiex jiġu integrati l-prospetti tal-VAT u tat-taxxa fuq l-introjt u jiġi ssimplifikat il-ġbir. Dan il-proċess għadu għaddej, u, fil-baġit tal-2015, il-Gvern ħabbar li speċjalisti tad-Dipartiment fiskali tal-FMI se jkunu qed jgħinu fil-fużjoni li tinsab għaddejja tad-dipartimenti tat-taxxa. Malta introduċiet għadd ta' miżuri bil-għan li ttejjeb il-konformità u l-irkupru ta' ammonti dovuti inklużi reviżjonijiet għas-sanzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-VAT tagħha u l-interessi fuq it-taxxi dovuti. Il-Baġit tal-2015 introduċa wkoll l-obbligu li l-persuni kollha li jwettqu attività kummerċjali jiġu rreġistrati għall-finijiet tal-VAT, irrispettivament mid-dħul annwali. Rigward mezz ta' ħlas elettroniċi, il-Baġit tal-2015 indika li għandu jitwaqqaf Grupp ta' Ħidma li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Gvern dwar kif jista' jiġi estiż l-użu ta' pagamenti elettroniċi flivell nazzjonali. Huwa ħabbar ukoll it-tneidja ta' studju

⁽¹⁴⁾ Dan huwa l-każ għall-interessi u r-royalties jekk il-persuna mhux residenti ma tkunx konnessa b'mod effettiv ma' stabiliment permanenti.

li jindirizza l-limitu fuq l-ammont ta' flus kontanti fi tranżazzjoni waħda Fir-rigward tal-assi mhux iddikjarati, Malta introduċiet skema (l-Iskema tar-Reġistrazzjoni tal-Investimenti), li pprovdiet lill-individwi u kumpaniji residenti f'Malta l-opportunità li jirregolarizzaw il-pożizzjoni tat-taxxa fuq l-introjt tagħhom rigward is-sjeda tagħhom ta' assi eliġibbli derivati minn introjt mhux iddikjarat⁽¹⁵⁾. Sabiex jissaħħu s-setgħat biex tinkiseb informazzjoni dwar assi mhux iddikjarati, Malta dan l-aħħar iffirmat Ftehim Multilaterali dwar l-Iskambju Awtomatiku tal-Infommazzjoni tat-Taxxa taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżviluipp. Fir-rigward tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, hemm nuqqas ta' korp uniku responsabbli. Ir-responsabbiltajiet tal-ispezzjonijiet tax-xogħol huma mxerrda ma' diversi entitajiet⁽¹⁶⁾, li kull waħda minnhom hija responsabbli għal qasam speċifiku (bħas-saħħa u s-sikurezza, il-liġi tax-xogħol u l-istandards tal-impjeg, l-evażjoni tat-taxxa, u l-abbużi tas-sistema tal-benefiċċji soċjali).

Sostenibbiltà tad-dejn

Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern f'Malta huwa inqas mill-medja taż-żona tal-euro iżda għola kontinwament sa mill-2008, u laħaq kważi s-70 % tal-PDG fl-2013⁽¹⁷⁾, ukoll minħabba aġġustament tal-fluss tal-istokk oġhla milli mistenni. Id-dejn huwa mbassar li jonqos għal 68,6 % tal-PDG fl-2014 skont it-tbassir tax-xitwa tal-Kummissjoni tal-2015 u li se jkompli niezeli billi jilħaq is-66,2 % tal-PDG fl-2016.

⁽¹⁵⁾ L-iskema kellha total ta' 1469 reġistrazzjoni valida li jkopru total ta' EUR 455,8 miljun ta' assi eliġibbli.

⁽¹⁶⁾ Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjeg, l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u l-Korporazzjoni tat-Taħriġ.

⁽¹⁷⁾ In-nuqqas li jiġi żgurat pass suffiċjenti tat-tnaqqis tad-dejn lejn il-limitu ta' 60% tal-PDG fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir kien raġuni ewlenija għall-ftuħ mill-ġdid ta' Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv kontra Malta f'Ġunju 2013. Il-Kunsill Ewropew għaldaqstant talab li Malta tikseb defiċit baġitarju nominali ta' 2,7% tal-PDG sal-2014, li jikkorrispondi għal titjib kumulattiv fil-bilanċ strutturali ta' 1,4 punti perċentwali tal-PDG fl-2013 u 2014, filwaqt li tiżgura wkoll li l-proporzjon tad-dejn gross jonqos b'pass sodisfaċenti. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Kunsill irrakkomanda li Malta tkompli l-isforz ta' aġġustament strutturali b'pass xieraq biex tilħaq l-oġġettiv ta' terminu medju (MTO) ta' baġit bilanċjat f'termini strutturali sal-2019.

Il-livell għoli ta' obligazzjonijiet kontinġenti jirrappreżenta riskju addizzjonali għall-finanzi tal-Gvern ta' Malta. Id-dejn iggarantit mill-Gvern f'Malta huwa għoli, wara żieda sostanzjali mill-bidu tal-kriżi, minn 11,5 % tal-PDG fl-2008 għal 15,8 % tal-PDG fl-2013 (li jimplika dejn pubbliku totali garantit ta' madwar 85,3 % tal-PDG fl-2013). Il-parti l-kbira ta' dawn il-garanziji, aktar minn 60 % minnhom, jirrigwardaw is-settur tal-enerġija f'Malta. Għalhekk, is-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli ta' bħalissa tal-Enemalta, il-fornitur tal-enerġija, tirrappreżenta sfida għall-finanzi pubbliċi, u tirrifletti l-esponiment fit-tul tal-kumpanija għall-varjazzjonijiet fil-prezzijiet taż-żejt flimkien man-nuqqas ta' aġġustament f'waqt u kosteffikaċi fit-tariffi tal-elettriku u l-kostijiet tal-ineffċjenza. Il-Gvern nieda pjan ta' riforma tal-enerġija (ara t-Taqsima 2.2) fuq skala kbira, li parti essenzjali minnu hija r-ristrutturar tad-dejn tal-Enemalta.


Is-sostenibbiltà tad-dejn fil-perjodu qrib ibbenefikat minn ġestjoni effiċjenti tad-dejn. Il-firxiet ta' kreditu fuq il-bonds sovran Maltin ma ġewx affettwati b'mod sinifikanti mit-tensjonijiet iġġenerati mill-kriżi tad-dejn sovran. Minkejja żieda fil-proporzjon tad-dejn (madwar seba' punti perċentwali bejn l-2007 u l-2013), il-kost apparenti tad-dejn (nefqa fuq l-imgħax fuq id-dejn totali nominali) naqas għal 4,2 % fl-2013 (minn 5,4 % matul il-perjodu 2004-08). L-istruttura tal-maturità tad-dejn tal-Gvern ġiet imtawla b'mod sinifikanti sa mill-adeżjoni ta' Malta mal-UE. Il-proporzjon ta' dejn b'maturità fuq medda ta' żmien twil żdied għal 94,8 % fl-2013 minn 79,2 % fl-2003 filwaqt li d-dejn fuq perjodu qasir ta' żmien naqas b'mod sinifikanti (5,2 % tad-dejn totali tal-gvern fl-2013 minn 20,8 % fl-2003). Dan mistenni li jkompli jnaqqas l-impatt ta' bidliet fis-sentiment tas-suq. Barra minn hekk, id-dejn tal-gvern huwa kważi kollu fidejn ir-residenti, filwaqt li persuni mhux residenti jirrappreżentaw biss 3 % tad-dejn pendenti. Dan kompla jipproteġi d-dejn sovran mit-tensjonijiet fis-swieq internazzjonali. Madankollu, l-interkonnnettività għolja bejn is-settur tal-gvern u l-ekonomija domestika, partikolarment is-settur finanzjarju u l-familji, jimplika li żviluppi negattivi f'wieħed minn dawn is-setturi jistgħu jkollhom effetti negattivi fuq l-oħrajn.

Għalkemm huwa mistenni xi titjib fil-prospettiva, is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tibqa' sfida. Filwaqt li Malta ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji ta' sostenibbiltà fuq medda qasira ta' żmien, ir-riskji jiżdiedu fil-perjodu medju u fit-tul minħabba l-impatt baġitarju tat-tixxijih tal-popolazzjoni, fid-dawl ukoll taż-żieda qawwija fil-proporzjon ta' dipendenza totali (ara l-Grafika 2.1.4). B'mod partikolari, matul l-20 sena li ġejjin, se jkun meħtieġ aġġustament fiskali kbir sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fuq terminu medju f'Malta. Ir-riskju jiżdied meta tittieħed perspettiva aktar fit-tul minħabba l-impatt baġitarju tat-tixxijih tal-popolazzjoni, jiġifieri fil-qasam tal-pensjonijiet u l-politika dwar il-kura tas-saħħa. Bħalissa qed jiġu ppreparati previżjonijiet ġodda fit-tul tal-ispejjeż tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa ⁽¹⁸⁾ u dawn se jiġu ppubblikati fl-ewwel nofs tal-2015. Huwa mistenni li, fil-proġettazzjonijiet riveduti, il-pożizzjoni ta' Malta fir-rigward tas-sostenibilità fit-tul se titjeb marġinalment, l-aktar minħabba perspettiva demografika aħjar u preżunzjonijiet makroekonomiċi mtejba ⁽¹⁹⁾. Malta ma implimentatx il-pjanijiet fiskali fl-aħħar programm ta' stabbiltà, li kien jgħin biex jitnaqqas ir-riskju. Dawn ir-riżultati huma kkonfermati minn analiżi tas-sostenibilità tad-dejn, li turi li d-dejn jinżel taħt it-60 % tal-PDG jekk jiġu rrispettati r-regoli fiskali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jew jekk il-miżuri fiskali pplanati fil-programm ta' stabbiltà jiġu implimentati b'mod sħiħ. Għall-kuntrarju, id-dejn jitle' l fuq minn 70 % tal-PDG f'każ ta' bilanċ primarju strutturali li gradwalment jerġa' jmur lura għall-medja storika tiegħu, li jenfasizza l-importanza tal-konsolidazzjoni fiskali sabiex id-dejn tal-Gvern jitqiegħed fuq triq sostenibbli fuq medda medja ta' żmien (ara l-Grafika 2.1.3).

⁽¹⁸⁾ Tbasiriet fit-tul aġġornati tal-kost tal-komponenti tat-tixxijih se jkunu bbażati fuq il-proġettazzjonijiet demografiċi l-iktar riċenti maħruġa minn Eurostat (EUROPOP 2013).

⁽¹⁹⁾ Ara 2015 Ageing Report: underlying assumptions and projection methodologies, http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2014/pdf/ee8_en.pdf

Grafika 2.1.3: Id-dejn pubbliku gross bħala % tal-PDG




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Is-sistema tal-pensjonijiet f'Malta qed tħabbat wiċċha mal-isfida li tissalvagwardja s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi waqt li fl-istess ħin tiżgura l-provvista ta' introjtu adegwat wara l-irtirar. L-iskema ta' pensjoni pubblika Maltija hija magħmula minn pensjoni kontributorja universali b'benefiċċji definiti, flimkien ma' pensjoni minima skont il-mezzi li tkopri persuni bi drittijiet insuffiċjenti għall-pensjoni. L-età tal-pensjoni statutorja qed tiġi mgħollija gradwalment kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa minn 62 bħalissa għal 65 sal-2027, iżda din il-progressjoni hija bil-mod ħafna u l-ebda miżuri ulterjuri, bħal pereżempju l-irbit tal-età pensjonabbli mal-istennija tal-għomor, ma ġew previsti. Filwaqt li l-miżuri attwali biex jittejjbu r-rati ta' attività tal-ħaddiema kbar fl-età huma ta' għajjnuna, ma humiex biżżejjed biex jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.

Fir-rigward tal-adegwatezza attwali, Malta hija biss kemxejn agħar bħala medja f'termini ta' prevenzjoni tal-faqar meta mqabbla mal-bqija tal-UE, iżda jeżistu nuqqasijiet importanti fil-kopertura. Il-pensjoni kontributorja ta' benefiċċju definit (dik li tissejjaħ "il-pensjoni taż-żewġ terzi") hija limitata għal livell pjuttost baxx, filwaqt li l-pensjoni minima bħalissa tammonta għal żewġ terzi tal-paga minima nazzjonali (4/5 għal koppji miżżewġin). Il-proporzjon ta' dħul relattiv ta' persuni 65+, meta mqabbla mal-popolazzjoni fl-

età tax-xogħol huwa ta' 0,79 ⁽²⁰⁾ filwaqt li s-sehem ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien li huma friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (20,8% fl-2013) huwa 2,5 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE (iżda għadu aktar baxx minn dak tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, bi 22,5%). Dawn il-medji jaħbu differenzi importanti, madankollu, peress li n-nisa b'mod partikolari jesperjenzaw kopertura tal-pensjoni li hija sostanzjalment aktar baxxa minn tal-irġiel: id-distakk għan-nuqqas ta' kopertura fil-pensjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel huwa ta' 36,5 punti perċentwali (mqabbel mas-6,8 punti perċentwali għall-UE). Dan għaliex, minkejja progress reċenti, in-nisa Maltin jibqgħu jkollhom l-iqsar karrieri ta' impjeg fl-UE (23,7 snin mqabbla ma' medja tal-UE ta' 32,2 snin) kif ukoll rati baxxi ta' impjeg f'età avanzata (18,7% kontra medja tal-UE ta' 43,3%). Minħabba perjodi kontributorji insuffiċjenti, in-nisa ta' spiss mhumiex intitolati għall-benefiċċji kontributorji tax-xjuħija tagħhom stess u jiddependu fuq il-pensjonijiet tal-konjuġi tagħhom jew fuq il-benefiċċji tas-superstiti.

Grafika 2.1.4: Proporzjon ta' dipendenza totali ((0-14 plus 65+)/(15-64))



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, The 2015 Ageing Report: Underlying Assumptions and Projection Methodologies

L-akkumulazzjoni ta' drittijiet kumplementari tal-pensjoni qed tiġi promossa permezz tal-introduzzjoni tat-tielet pilastru ta' pensjonijiet

⁽²⁰⁾ Meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,93.

volontarji, filwaqt li qafas għall-istabbiliment ta' pensjonijiet okkupazzjonali għadu nieqes. Sabiex jinkoraġġixxi l-forniment ta' introjtu adegwat wara l-irtirar, il-Gvern qed jintroduċi skema tal-pensjonijiet tat-"Tielet Pilastru" fejn inċentivi fiskali se jintrabtu ma' prodotti tal-pensjoni privati offruti minn banek lokali u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. F'termini ta' adegwatezza, din l-inizjattiva tmur fid-direzzjoni t-tajba billi tippromwovi l-akkumulazzjoni ta' drittijiet tal-pensjoni supplimentari, li jagħtu sostituzzjoni ogħla u jikkumplimentaw id-dħul tal-pensjoni pprovduta permezz tal-iskema pubblika. Il-kopertura ta' dawn il-pensjonijiet supplimentari volontarji se jkollha tiġi mmonitorjata mill-qrib biex tiġi vvalutata l-effikaċja tagħhom biex jipprovdur introjtu ta' pensjoni ogħla fil-ġejjieni, inkluż għal dawk bi dħul aktar baxx bi propensità mnaqsa biex ifaddlu. Sa issa ma ttieħdu l-ebda miżuri biex jiġi żviluppat qafas għal pensjonijiet okkupazzjonali tat-tieni pilastru, li jistgħu jipprovdur kopertura aktar uniformi tal-forza tax-xogħol.

Miżuri li jtejbu l-adeqwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà jiddependu l-aktar fuq iż-żieda tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u t-tifdija ta' kontribuzzjonijiet nieqsa, iżda l-implimentazzjoni qed tavvanza bil-mod. Fl-2013, tnediet Politika Strateġika Nazzjonali għat-Tixxjijiet Attivi bil-għan li żżid ir-rati ta' attività ta' ħaddiema kbar fl-età, tippromwovi ħaddiema tax-xogħol itwal u tnaqqas id-diskrepanza bejn l-età effettiva u l-età statutorja tal-irtirar. Ġew introdotti inċentivi finanzjarji biex iħeġġu lill-ħaddiema jibqgħu fl-impjieg wara l-età pensjonabbli u jħeġġu lil min iħaddem biex jimpjega ħaddiema aktar avvanzati fl-età. Fl-aħħar nett, għall-individwi li jkun qed joqorbu lejn l-irtirar iżda li ma jkollhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet ikkreditati biex ikunu eliġibbli għall-Pensjoni minima nazzjonali, ġiet introdotta l-possibiltà li jifdu sa ħames snin ta' kontribuzzjonijiet sabiex jikkwalifikaw għall-pensjoni minima mal-irtirar.

Minħabba t-tixxjijiet tal-popolazzjoni, Malta għandha waħda mill-ogħla żidiet proġettati fl-infiq fuq is-saħħa pubblika fl-UE. Żidiet fl-infiq tas-saħħa pubblika huma wkoll attribwiti għad-dipendenza ta' Malta fuq il-kura sekondarja u terzjarja u fuq l-ispiża li qiegħda tiżdied b'rata mgħaġġla tal-mediċini u l-materjali kirurġiċi, li rdoppjat fl-aħħar 10 snin. L-inefficijenzi u n-

nuqqasijiet attwali fil-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa jheddu s-sostenibbiltà fit-tul tagħha. Filwaqt li tobba ġeneralisti jaġixxu bħala l-antekamera għall-kura mill-ispeċjalisti u fl-isptar, is-sistema ħafna drabi tinqabeż billi l-pazjenti jkollhom aċċess dirett għal speċjalisti fis-settur privat, li jwassal biex is-settur privat jirrappreżenta 70 % tal-kuntatti tal-kura tas-saħħa primarja. Is-sistema tas-saħħa wkoll qed tbatu minn nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat, b'impatti negattivi fuq it-titjib fl-effikaċja u fl-efficijenza.

L-Istrateġija tas-Sistemi Nazzjonali tas-Saħħa (2014-2020) ġiet adottata f'Lulju 2014 u l-implimentazzjoni tagħha qed tibda. Malta qed tagħmel sforzi biex trażżan l-ispejjeż bit-titjib tal-governanza tas-sistema permezz tal-introduzzjoni ta' diversi mekkaniżmi ta' kontroll intern u l-implimentazzjoni ta' governanza finanzjarja. Titjib fil-proċessi ta' akkwist u ta' distribuzzjoni għall-mediċini u t-tagħmir mediku wasslu għal iffrankar sostanzjali. Barra minn hekk, sistema fejn wieħed iħallas għal dak li juża għal tagħmir bi spejjeż għolja naqqset iż-żamma ta' stokk. Barra minn hekk, Malta stabbiliet qafas ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa li jippermetti monitoraġġ regolari u f'waqtu ta' numru magħżul ta' indikaturi tal-prestazzjoni. Il-gvern qed ikompli bl-isforzi tiegħu ta' ristrutturar tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa b'enfasi fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard u l-kura primarja tas-saħħa. Qegħdin isiru investimenti fil-kura primarja tas-saħħa, flimkien ma' aktar reklutaġġ ta' tobba tal-familja u l-offerta ta' firxa usa' ta' servizzi fil-livell primarju. Minbarra dan, l-awtoritajiet bdew programm ta' investiment għall-kura tas-saħħa primarja pubblika: in-nefqa kapitali żdiedet, inbeda programm ta' rinnovazzjoni għaċ-ċentri tas-saħħa u l-kapaċitajiet tal-iskrinjar u radjoloġiċi qed jiġu żviluppati aktar. Barra minn hekk, għadd ta' servizzi li qabel kienu offruti bħala parti mill-kura sekondarja ġew trasferiti lejn is-settur tal-kura tas-saħħa primarja. Il-Gvern ħa wkoll miżuri biex isahħa l-interazzjoni bejn il-forniment tal-kura primarja pubblika u ta' dik privata. Għadu kmieni wisq biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dawn il-miżuri fuq l-efficijenza ġenerali tas-sistema tas-saħħa, u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2015 teħtieġ monitoraġġ bir-reqqa sabiex jiġi vvalutat jekk humiex ambizzjużi biżżejjed biex iżidu l-efficijenza u jikkumpensaw għall-pressjonijiet demografiċi u pressjonijiet interni u esterni oħrajn, u sabiex tiġi

żgurata s-sostenibilità fit-tul tan-nefqa fuq is-saħħa pubblika.

Id-domanda għall-kura fit-tul żdiedet bħala rizzultat tat-tixjiħ tal-popolazzjoni kif ukoll it-tnaqqis tar-rwol tal-familja estiża u żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa.

Intwera li provvista insuffiċjenti ta' kura fit-tul qed twassal għal sitwazzjonijiet fejn sodod akuti tal-isptar qed jintużaw b'mod mhux addattat. Il-kura bbażata fil-Komunità għadha mhix żviluppata biżżejjed. In-nuqqas ta' servizzi ta' kura fit-tul jistgħu jfixklu l-progress biex titjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, speċjalment fetajiet akbar, minħabba li l-kura informali tal-familja għandha rwol importanti fis-soċjetà Maltija u l-biċċa l-kbira ta' dawk li jipprovdu kura informali huma nisa li għandhom bejn l-40 u d-59 sena (ara t-Taqsima 2.4). Ittieħdu għadd ta' inizjattivi sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-kura residenzjali u jitħeġġeġ l-għajxien indipendenti. Matul l-aħħar ftit snin, il-Gvern espanda l-postijiet ta' kura residenzjali u s-servizzi bbażati fil-komunità, inklużi ċentri tal-kura matul il-jum u waqqaf ukoll kuntratti ma' djar privati għall-forniment ta' servizzi. Filwaqt li l-anzjani residenti fid-djar tal-istat jikkontribwixxu 60 % mid-dħul totali tagħhom ⁽²¹⁾, istituzzjonijiet privati mhumiex affordabbli għal ħafna pensjonanti. Miżuri ta' appoġġ offruti lil dawk li jagħtu l-kura b'mod informali (normalment il-membri tal-familja) jinkludu kombinazzjoni ta' benefiċċji fi flus (li jinkludu l-allowance u l-pensjoni tal-carer) u l-liv tal-kura (li jista' jingħata lil impjegati pubbliċi permezz tal-hekk imsejjaħ "liv tar-responsabbiltà" u għal massimu ta' tmien snin matul il-karriera kollha tal-persuna). Fl-aħħar nett, għadd ta' inizjattivi ttieħdu biex jitħeġġeġ l-għajxien indipendenti sabiex l-anzjani jkomplu għaddejjin mingħajr kura, jew b'ħafna inqas kura, u jitnaqqsu l-pensjonijiet tad-domanda.

Qafas fiskali

F'Lulju 2014, il-Parlament adotta l-Att tar-Responsabbiltà Fiskali, bil-għan li jittrasponi r-rekwiżiti tad-Direttiva 85/2011/UE dwar l-oqfsa baġitarji u l-Patt Fiskali. L-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali introduċa regola ta' baġit ibbilanċjat f'termini strutturali u regola tad-dejn li

biha, f'każ li l-proporzjon ta' dejn mal-PDG jaqbeż is-60 %, id-differenzjal fir-rigward tal-valur ta' referenza jitnaqqas bir-rata medja ta' kull tliet snin ta' 1/20 fis-sena kif stabbilit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut. L-Att jistabbilixxi wkoll l-introduzzjoni ta' qafas baġitarju kontinwu ta' tliet snin (il-Pjan Fiskali Nazzjonali ta' Terminu Medju) li għandu jtejjeb il-prevedibbiltà tal-ippjanar baġitarju. Barra minn hekk, l-Att jipprevedi l-istabbiliment ta' Kunsill Fiskali inkarigat fost l-oħrajn bl-approvazzjoni tal-previżjonijiet makroekonomiċi u fiskali uffiċjali tal-gvern kif ukoll bil-monitoraġġ *ex ante* u *ex post* tar-rispett tar-regoli fiskali. Il-membri tal-Kunsill Fiskali nħatru f'Jannar 2015. Huwa importanti li t-tħaddim tal-Kunsill ikun kompletament fis-seħħ mingħajr dewmien fost oħrajn billi jiġi stabbilit uffiċċju permanenti li jappoġġa lill-membri fit-twettiq ta' dmirijiethom.

Minkejja l-approvazzjoni tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali, il-proċess baġitarju f'Malta għadu mhuwiex allinjat mal-kalendarju Ewropew.

B'mod partikolari, Malta mhix konformi mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 473/2013, billi f'dawn l-aħħar sentejn l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ppreżentat fil-15 ta' Ottubru ma pprovidiex dettalji suffiċjenti dwar il-miżuri diskrezzjonali li jirfdu l-miri baġitarji. Malta qiegħda wkoll fi ksur tar-rekwiżit tar-Regolament li jobbliga lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex jipubblikaw l-abbozzi tal-baġits annwali tagħhom sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena. Kemm fl-2013 kif ukoll fl-2014, l-abbozzi tal-baġits li jkun fihom id-dettalji neċessarji kollha għall-implimentazzjoni konkreta tal-miżuri pplanati ġew ippreżentati biss f'Novembru ⁽²²⁾.


⁽²²⁾ Ara http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sfp/budgetary_plans/index_en.htm

⁽²¹⁾ Sakemm ma jitħallewx b'inqas minn EUR 1400 fis-sena.

2.2. EFFIĊJENZA TAR-RIŻORSI

Filwaqt li l-ekonomija Maltija kumplessivament għandha prestazzjoni simili għall-medja tal-UE f'termini tal-enerġija u l-intensità tal-karbonju, partijiet minnha għandhom prestazzjoni inqas tajba. L-intensità tal-enerġija tal-ekonomija (ara l-Grafika 2.2.1) tirrifletti l-istruttura tagħha, jiġifieri l-assenza ta' attivitajiet ta' industrija tqila, enfasi akbar fuq is-servizzi u settur tal-manifattura aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li l-unitajiet domestiċi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija jirriflettu l-pożizzjoni ġeografika ta' Malta. Madankollu, setturi ewlenin bħall-enerġija u t-trasport għandhom effiċjenza enerġetika baxxa ħafna, li tirrifletti għadd ta' karatteristiċi strutturali, u li jittfa' pressjoni fuq il-kompetittività tal-ekonomija. Barra minn hekk, l-intensità tal-karbonju tas-settur tal-enerġija (l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal kull EUR 1 000) hija fost l-oġhla fl-UE, u dan jirrifletti l-prestazzjoni ambjentali dgħajfa tal-kapaċitajiet eżistenti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, li jwassal għal aktar esternalitajiet negattivi għall-ekonomija.

Grafika 2.2.1: L-intensità tal-enerġija tal-ekonomija



Dan l-indikatur huwa l-proporzjon bejn il-konsum intern gross tal-enerġija u l-prodott gross domestiku (PDG) għal sena kalendarja partikolari. Huwa jkejjel il-konsum tal-enerġija ta' ekonomija.


Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Enerġija

Is-sistema tal-enerġija hija kkaratterizzata minn dipendenza kważi sħiħa fuq iż-żejt impurtat. Minbarra sehem marġinali ħafna tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli, il-produzzjoni tal-elettriku fil-gżira kienet

kompletament dipendenti fuq l-importazzjoni ta' żejt tal-fjuwil tqil. Minbarra li poġġa pressjoni fuq il-bilanċ tal-kummerċ estern, dan, flimkien mal-ineffiċjenzi fil-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku (ara l-Grafika 2.2.2), irriżulta fi prezzijiet tal-elettriku għolja għall-konsumaturi finali u fi skuntentizza fost il-konsumaturi.⁽²³⁾ Interventi politiċi wasslu għal defiċits tat-tariffi (jiġifieri t-tariffi tal-elettriku ma kinux ikopru l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-elettriku), li rriżulta fl-akkumulazzjoni ta' dejn kbir mill-kumpanija tal-utilità tal-enerġija tal-Istat, Enemalta.

Grafika 2.2.2: L-ineffiċjenzi tas-sistema tal-elettriku ta' Malta, 2013



It-telf fid-distribuzzjoni: it-telf fid-distribuzzjoni diviż bil-produzzjoni netta totali tal-elettriku.
L-effiċjenza tat-trasformazzjoni: l-output tat-trasformazzjoni diviż bl-input tat-trasformazzjoni.

Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea

L-awtoritajiet nedew riforma komprensiva tas-settur. L-interkonnettur tal-elettriku mal-Italja tlesta u huwa mistenni li jibda jopera fl-ewwel nofs tal-2015, inkluż l-użu kummerċjali tal-fibri optiċi tal-link. L-interkonnettur hu mistenni jgħin biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku billi jtemm is-sitwazzjoni ta' Malta bħala gżira tal-enerġija. Minbarra dan, impjant ġdid li jaħdem bil-gass u impjant tal-elettriku eżistenti, ikkonvertit biex jaħdem bil-gass, huma mistennija li jkunu operattivi sa tmiem l-2016. Dawn il-proġetti

⁽²³⁾ Ir-Rapport tal-Kompetittività Globali 2013-14 tal-World Economic Forum jikklassifika l-perċezzjoni tal-kwalità tal-provvista tal-elettriku f'Malta fid-69 post fost 148 pajjiż u fis-26 post fost l-Istati Membri tal-UE.

għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Effettivament, dawn il-bidliet itemmu d-dipendenza esklussiva ta' Malta fuq iż-żejt, għalkemm ma jneħħux id-dipendenza tagħha fuq sorsi ta' enerġija importati. Flimkien ma' investiment ippjanat f'networks ta' distribuzzjoni u trażmissjoni, dan ikun jippermetti lill-awtoritajiet biex itemmu l-operazzjonijiet fl-impjanti tal-enerġija qodma u inqas effiċjenti fil-Marsa u Delimara I, b'riżultat li jkun hemm sistema tal-enerġija aktar effiċjenti u li tikkawża inqas tniġġis.

It-tariffi tal-elettriku tnaqqsu. L-awtoritajiet antiċipaw l-impatti potenzjalment pożittivi ta' dawn il-bidliet fuq l-ispejjeż tal-Enemalta u naqqsu b'mod sinifikanti t-tariffi tal-elettriku tal-familji fl-2014, filwaqt li n-negozji huma mistennija li jibbenefikaw minn tnaqqis fl-2015. Tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni fil-futur, b'riżultat ta' infrastruttura aktar effiċjenti u aċċess għal enerġija potenzjalment irħas permezz tal-interkonnettur, huma mistennija li jikkompensaw l-impatt ta' dan it-tnaqqis fuq id-dħul tal-kumpanija. Dewmien fi proġetti li jinsabu għaddejnin, madankollu, jitfa' pressjoni fuq il-profittabilità tal-Enemalta sadanittant. L-istokk tad-dejn li għadu għoli tal-kumpanija jissuġġerixxi li r-rendiment finanzjarju tagħha jibqa' jirrikjedi monitoraġġ mill-qrib. Għall-ġejjieni, iż-żieda mistennija fil-proporzjon tal-enerġija pprovdut minn sorsi rinnovabbli jista' jeżerċita pressjoni 'l fuq fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-elettriku, jekk l-enerġija rinnovabbli ma tiġix promossa b'mod kosteffiċjenti. Huma ta' importanza ewlenija skemi ta' appoġġ imfassla tajjeb li jipprovdu inċentivi suffiċjenti għall-investiment iżda jevitaw il-kompens żejjeż. L-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jipprovdi spazji addizzjonali għall-esplorazzjoni.

Għad hemm sfidi fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija. Ċifri aġġornati tal-Eurostat juru li Malta għamlet xi progress fil-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (2,5 % tal-enerġija kkunsmata fl-2013 ġiet minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli), permezz tal-użu ta' skemi ta' għotjiet, tariffi ta' injezzjoni u metraġġ nett biex jiġi promoss l-użu ta' installazzjonijiet fotovoltajċi. L-awtoritajiet appoġġaw ukoll l-użu ta' prodotti domestiċi għall-ħiters solari u l-użu ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport. Barra minn hekk, l-Enemalta qed tippjana t-tnedija ta' proġetti pilota dwar l-enerġija

rinnovabbli li jiffokaw primarjament fuq sistemi fotovoltajċi tal-art, inkluża l-installazzjoni ta' parkeġġi solari tal-karozzi fejn pannelli solari jiġu stallati fuq koperturi mibnija fuq parkeġġi tal-karozzi, biex b'hekk ikun qed jintuża l-ispażju limitat fl-ambjenti urbani tal-gżejjer Maltin bid-densità għolja ta' popolazzjoni tagħhom. Madankollu, il-kisba tal-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-2020, jiġifieri sehem ta' 10 % tal-konsum finali tal-enerġija, biss billi tiżdied il-produzzjoni domestika tidher ta' sfida minħabba l-limitazzjonijiet ġeografiċi serji, jiġifieri n-nuqqas ta' spazju għal stallazzjonijiet fuq skala kbira. Madankollu, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' enerġija rinnovabbli jkun strumentali għat-tnaqqis tad-dipendenza tas-sistema tal-enerġija ta' Malta fuq l-importazzjoni. Għalkemm il-konsum primarju u finali tal-enerġija naqas fl-2005-2012, Malta mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha tal-2020 għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-konsum finali tal-enerġija.

Trasport

Konġestjoni tat-traffiku sinifikanti u effiċjenza baxxa fis-settur tat-trasport iġibu magħhom spejjeż ambjentali u ekonomiċi għoljin. Imqabbla mal-medja tal-UE, il-konġestjoni urbana fil-ħinijiet ta' punta f'Malta ⁽²⁴⁾ (ara l-Grafika 2.2.3) tikkostitwixxi problema kbira, u dan jirrifletti n-numru sinifikanti ta' karozzi fl-użu ⁽²⁵⁾, inkluż proporzjon konsiderevoli ta' vetturi eqdem u ineffiċjenti, u n-nuqqas prevalenti ta' alternattivi għat-trasport bil-karozzi privati jaggrava l-problema. Dan tal-aħħar irendi wkoll it-trasport bħala l-aktar settur f'Malta li jemetti gassijiet serra, barra mill-ambitu tal-Iskema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet. Il-kostijiet tal-konġestjoni jidhru sinifikanti meta mqabbla ma' esternalitajiet oħra tat-trasport (Ara t-Tabella 2.2.1). Meta jitqiesu l-insularità tal-gżejjer u li t-triq hija l-mezz ewleni tat-trasport intern, użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tat-toroq eżistenti permezz tal-promozzjoni ta' sistemi ta' trasport pubbliku

⁽²⁴⁾ Għalkemm ma tirriflettix b'mod preċiż jekk triq hijiex urbana jew le, il-veloċità tal-fluss liberu tista' tkun sostitut tajjeb fir-rigward tat-tip u l-karatteristiċi tagħha, fejn veloċitajiet tal-fluss liberu ta' taħt il-50 km/h huma sostitut tajjeb għal toroq urbani.

⁽²⁵⁾ Bħala medja, kull detentur ta' liċenzja tas-sewqan kellu 1,4 karozzi f'Malta fl-2012 u karozzi privati ntużaw għal 71 % tal-vjaġġi kollha li saru minn individwi.


kollettiv sostenibbli u li jiġi skoraggjit l-użu ta' vetturi privati huma kruċjali. L-infrastruttura tat-toroq tippreżenta sfida addizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità tat-toroq, filwaqt li d-daqs limitat tal-gżejjer jillimita l-isparju għal aktar espansjoni tan-netwerk ⁽²⁶⁾.

Tabella 2.2.1: **Spejjeż esterni tat-trasport f'Malta, 2012**

	EUR miljuni	% tal-PDG
Inċidenti	83.9	1.2
Tniġġis tal-Ajru	14.3	0.2
Bidla fil-Klima	46.8	0.7
Ħoss	11.0	0.2
Konġestjoni	117.9	1.8
Total	274.0	4.1

Sors: Study on the External Cost of Passenger and Commercial Vehicles in Malta, l-Università ta' Malta, għadu jrid jiġi ppubblikat

Grafika 2.2.3: **Proporzjon tal-veloċità medja mal-veloċità tal-fluss liberu (toroq b'veloċità tal-fluss liberu <=50 km/h)**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

⁽²⁶⁾ Filwaqt li l-perċezzjoni tal-kwalità tal-infrastruttura tal-port (ikklassifikat fl-20 post fir-Rapport tal-Kompetittività Globali 2014-15) u tat-trasport bl-ajru (ikklassifikat fit-30 post) huma tajbin, il-kwalità tat-toroq għadha lura (fil-85 post).

L-awtoritajiet nedew riforma ġdida tat-trasport pubbliku. Wara tentattiv ta' privatizzazzjoni li falla, li wassal għal rinazzjonalizzazzjoni temporanja, is-servizz tat-trasport pubbliku qiegħed għal darb' oħra jiġi mħaddem minn kumpanija privata sa minn Jannar 2015. Il-fornitur il-ġdid se jkollu jegħleb it-tħassib dwar il-kwalità u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-servizz, li wasslu għar-rinazzjonalizzazzjoni fl-2014 sabiex jiġi inkoraġġit użu akbar tas-servizz u għalhekk dan ikun alternattiva vijabbli għat-trasport privat.

L-awtoritajiet introduċew skemi ta' inċentivi biex jagħmlu l-użu tal-karozzi aktar sostenibbli u qed jinvestu fit-titjib tal-infrastruttura. Il-miżuri jinkludu livell minimu ta' bijokarburanti f'karburanti tal-petroleum, taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi differenzjata, skema ta' skrappar ta' karozzi u tkomplija tal-appoġġ finanzjarju għal vetturi elettriċi, ibridi u vetturi li jużaw il-gass tal-petroleum likwifikat. Dawn se jgħinu d-diversifikazzjoni u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-karburanti. Madankollu, mhumiex ambizzjużi biżżejjed meta mqabbla mal-iskala tal-isfida. Il-politika nazzjonali tat-trasport għandha wkoll il-mira ta' użu aktar effiċjenti tan-netwerk tat-toroq, permezz ta' aktar trasport pubbliku u sistemi tat-trasport intelliġenti. Dan għandu jipprovi wkoll rotot aktar konvenjenti għall-vetturi kummerċjali u privati li jduru maċ-ċentri urbani u, meta jagħmel dan, se jtaffi l-konġestjoni fuq it-toroq urbani kkawżata mit-traffiku tqil ta' distanzi itwal. Il-proġetti tal-infrastruttura tat-trasport huma prominenti fil-lista ta' proġetti ewlenin tal-investiment li l-awtoritajiet identifikaw fil-kuntest tal-Pjan tal-Investiment għall-Ewropa.

Fid-dawl tas-severità tal-isfidi, kwistjonijiet ewlenin għadhom iridu jiġu indirizzati b'mod adegwat. Malta ma għamlet l-ebda progress sostanzjali sabiex tippromwovi mezzi alternattivi ta' trasport (pereżempju użu aktar intensiv tat-trasport pubbliku kollettiv, inkluż it-trasport pubbliku, tal-art u tal-baħar, roti, inklużi daww elettriċi, skuters) b'mod effiċjenti bil-għan li tiġi tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku. Barra minn hekk, ftit inkiseb fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika fis-settur tat-trasport, li jbati minn dipendenza sħiħa fuq fjuwils fossili impurtati u wkoll effiċjenza enerġetika (tal-karburanti) baxxa u li għalhekk jikkontribwixxi b'mod sinifikanti


għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja f'Malta.

2.3. L-AMBJENT TAN-NEGOZJU

Ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni pubblika u fl-ambjent tan-negozju jxekklu l-potenzjal tat-tkabbir ta' Malta u l-kapaċità tagħha li tiġbed l-investituri Il-maġġoranza tal-investituri barranin preżenti f'Malta jsibu l-pajjiż attraenti għall-investment barrani. Il-fatturi prinċipali huma kkunsidrati bħala l-istabbiltà tal-klima soċjali u r-reġim tat-tassazzjoni korporattiva, segwit mill-ambjent politiku, legali u regolatorju, il-livell tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u l-ispejjeż tax-xogħol ⁽²⁷⁾. Il-prestazzjoni ekonomika b'saħħitha, madankollu, taħbi ineffiċjenzi importanti. Ir-rapport Doing Business tal-Bank Dinji enfasizza s-sistema ġudizzjarja bħala nuqqas ewlieni fl-ambjent tan-negozju ta' Malta, li jaffettwa l-pass li bih tiġi riżolta l-insolvenza, id-drittijiet tal-kredituri biex jipprovdu finanzjament u infurzar tal-kuntratti b'mod ġenerali (ara l-Grafika 2.3.1). Minbarra dan, l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika hija mxekkla minn proċeduri onerużi, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Il-burokrazija, flimkien mal-aċċess għall-finanzi u l-kapaċità tal-innovazzjoni rriżultaw bħala impedimenti ewlenin għan-negozju fil-Global Competiveness Report tal-Forum Ekonomiku Dinji (ara l-Grafika 2.3.2). Xi wħud minn dawn irriżultaw biss fis-snin riċenti, hekk kif l-ekonomija evolviet, u huwa probabbli li jkunu fatturi ewlenin li jxekklu t-tkabbir fil-futur qrib.


⁽²⁷⁾ Sors: 2014 Malta attractiveness survey ta' Ernst & Young

Grafika 2.3.1: Distanza għall-medja taż-żona tal-euro (fruntiera = 100)



Sors: Il-Bank Dinji, 2015 Doing Business report

Grafika 2.3.2: L-aktar fatturi problematiċi biex wieħed jagħmel in-negozju (% tar-risposti)



Sors: Il-Forum Ekonomiku Globali, Global Competitiveness Report

Amministrazzjoni pubblika

Simplifikazzjoni amministrattiva

Il-burokrazija ineffiċjenti tal-Gvern hija impediment sinifikanti biex isir in-negozju f'Malta. Numru sinifikanti ta' kumpaniji enfasizzaw il-burokrazija ineffiċjenti bħala l-aktar fattur problematiku meta jsir in-negozju fil-gżira

(²⁸). Il-Gvern kien stabbilixxa mira ta' tnaqqis ta' 25 % tal-piż amministrattiv fil-manifest elettorali tiegħu u l-Kummissarju għas-simplifikazzjoni għandu l-kompitu li jilħaq dan l-għan matul il-leġislatura attwali. L-awtoritajiet haġġu sensiela ta' inizjattivi, minn laqgħat mal-partijiet interessati sa identifikazzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' tnaqqis ta' piż, "Jum tat-tħassir" riċenti, li fih tħabbret it-tneħħija ta' għadd ta' liġijiet u regolamenti, u l-adozzjoni tal-prinċipju "one-in-one-out". Fir-rigward tas-simplifikazzjoni, it-"test tal-SMEs" ġie implimentat f'Jannar 2015 u għalhekk għadha mhijiex possibbli valutazzjoni tal-effikaċja tiegħu. F'termini ta' simplifikazzjoni aħjar tal-proċeduri biex jinkisbu liċenzji operattivi għan-negozji, inbdiet riforma tal-Aġenzija Maltija għall-Ippjanar Ambjentali (MEPA) bil-ħsieb li din issir punt uniku ta' servizz għal-liċenzji, sa tmiem l-2015. Peress li dan il-proċess għadu għaddej, il-progress ulterjuri tiegħu jeħtieġ li jiġi ssorveljat mill-qrib fir-rigward tal-effetti tiegħu fuq it-tqassir tal-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji.

Akkwist pubbliku

It-tul medju tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku naqas b'mod sinifikanti. Filwaqt li proċeduri ta' akkwist pubbliku mgħaġġla jistgħu ma jkunux ottimali billi dawn jistgħu jippreġudikaw il-kwalità, proċeduri twal iżżejjed jistgħu jirriżultaw f'allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi. It-tul tal-proċeduri ta' akkwist hu ddeterminat minn għadd ta' fatturi, bħad-daqs u s-suġġett tal-kuntratt partikolari u huwa affettwat ukoll minn proċeduri amministrattivi onerużi. Azzjoni meħuda mill-awtoritajiet, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-akkwisti elettroniċi (notifika elettronika, aċċess elettroniku u preżentazzjoni elettronika), li issa huma applikati għall-proġetti kollha 'l fuq mill-limitu minimu tal-UE pproduċiet ir-riżultati mistennija f'termini ta' tnaqqis tat-tul tal-proċeduri. Ir-riforma kellha impatt pożittiv fuq l-interess tas-settur privat, u n-numru tal-operaturi ekonomiċi rreġistrati żdied kważi tliet darbiet matul l-2013, u dan jissuġġerixxi li l-kompetizzjoni żdiedet, li jista' jiġi mistenni li jikkontribwixxi għal titjib tal-valur għall-flus għall-Gvern. Minkejja li ma ġiet stabbilita l-ebda mira kwantitattiva, it-tul medju għadu pjuttost taħt il-medja tal-UE (87 jum). Il-miżuri addizzjonali mħabbra għall-2015 (b'mod

partikolari r-reklutaġġ ta' 11-il impjegat pubbliku addizzjonali u l-introduzzjoni ta' "sistema ta' tracking") huma mistennija li jikkonsolidaw il-kisbiet u jnaqqsu t-tul xi ftit aktar.

Il-funzjonament tas-suq intern

L-ineffiċjenzi amministrattivi jxekklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern f'Malta. L-Istħariġ Annwali tat-Tkabbir enfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-konsumaturi madwar l-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw minn suq uniku integrat, filwaqt li jkunu jistgħu jistrieħu fuq infurzar effettiv tad-drittijiet tal-konsumaturi. In-nuqqas li jiġu infurzati dawn il-prinċipji jista' jkollu konsegwenzi negattivi għad-domanda tal-konsumaturi u, għalhekk, għat-tkabbir. Barra minn hekk, minkejja xi progress lejn l-eliminazzjoni ta' prezzijiet diskriminatorji fis-setturi tat-trasport u tal-utilitajiet, dawn il-prattiki diskriminatorji tal-ipprezzar lejn ċittadini mhux Maltin għadhom fis-seħħ f'xi setturi. Fir-rigward tat-trawwim tal-kompetizzjoni, waħda mill-isfidi ewlenin għal Malta xorta tibqa' l-ħtieġa li jissaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, jiġifieri permezz ta' rwol ikbar u iżjed effettiv u riżorsi suffiċjenti għall-Awtorità tal-Kompetizzjoni. Għalkemm xi riżorsi umani addizzjonali saru disponibbli, dawn għadhom mhumiex biżżejjed.


Aċċess għall-finanzi

Numru ta' fatturi jxekklu l-aċċess tal-impriżi għall-finanzjament. L-ispejjeż tal-finanzjament f'Malta għadhom għoljin meta mqabbla maż-żona tal-euro għal self korporattiv kbir kif ukoll għal dak żgħir (ara l-Grafika 2.3.3). Bħal fi Stati Membri oħra, is-settur korporattiv f'Malta huwa fil-biċċa l-kbira magħmul minn SMEs (99,8 % fl-2012). Madankollu, fil-każ speċifiku ta' Malta, 95 % tal-SMEs huma mikrointrapriżi, perċentwali ogħla mill-medja tal-UE. Il-finanzjament tal-SMEs f'Malta huwa fil-biċċa l-kbira pprovdut mis-settur bankarju permezz ta' self. Studji reċenti jindikaw li filwaqt li impriżi żgħar, medji u kbar, għandhom aċċess tajjeb għall-kreditu permezz tas-sistema bankarja, il-mikrointrapriżi jiffaċċaw diffikultajiet serji fl-aċċess għall-kreditu. Nuqqas ta' kapital ta' garanzija u l-litteriżmu finanzjarju limitat, flimkien mal-valur żgħir ta' tranżazzjonijiet potenzjali jidhru li jikkontribwixxu għad-diffikultajiet tal-mikrointrapriżi fl-aċċess għall-finanzi. Min-naħa l-

(²⁸) 2014-15 Global Competitiveness Report

oħra, il-finanzjament tal-ekwità, partikolarment għall-finanzjament tal-bidu nett, tal-istadju bikri u tat-tkabbir permezz ta' operaturi tas-suq huwa kważi ineżistenti. Għalhekk jeżistu lakuni importanti rigward l-aċċess għall-finanzjament mis-settur korporattiv, speċjalment fil-każ ta' mikrointrapriżi u imprendituri prospettivi. Tabilħaqq, il-prevalenza tal-finanzjament permezz tad-dejn fl-ekonomija tirriżulta f'ingranaġġ korporattiv (proporzjon tad-dejn mal-ekwità tal-kumpanija) għoli, li jgħolli l-profil tar-riskju ta' dawk li jissellfu u jżid l-ispejjeż tas-self. Sorsi alternattivi tal-finanzjament għadhom relattivament mhux żviluppati jew jinsabu fi stadju bikri tal-iżvilupp. Rigward l-aċċess għall-kapital tal-bidu, jidher li ntlaħaq progress sostanzjali bl-introduzzjoni ta' Programm tal-Investment tal-Bidu. Minbarra dan, l-awtoritajiet ħabbru l-intenzjoni li jintroduċu skema sabiex jinċentivaw l-investimenti fl-ekwità f'kumpaniji li għadhom jibdew billi jemendaw il-liġi tat-taxxa sabiex jipprovdu krediti tat-taxxa ekwivalenti għal investiment sa massimu ta' EUR 250 000. Il-miżura hija pjanata li tiġi introdotta sa tmiem l-2015. It-twaqqif ta' bank tal-iżvilupp qiegħed ukoll jiġi kkunsidrat. L-idea għadha fil-fażi tat-tneiss tagħha, madankollu, u l-awtoritajiet għadhom ma ħabbrux dettalji dwar l-intenzjonijiet tagħhom.

Grafika 2.3.3: Il-firxa tar-rati tal-imgħax korporattivi f'Malta u fiż-żona tal-euro



Sors: Il-Bank Ċentrali Ewropew

Riċerka u Innovazzjoni

Minkejja progress sinifikanti matul dawn l-aħħar ftit snin, bosta sfidi strutturali jkomplu jxekklu l-potenzjal ta' tkabbir immexxi mill-għarfien ta' Malta bħala ekonomija miftuħa żgħira ħafna. Dawn jinkludu intensità baxxa ħafna tar-RuĴ (0,85 % tal-PDG fl-2013, li għadu f'itil bogħod mill-mira tal-2020 ta' 2 % tal-PDG) bi nfiq pubbliku limitat (0,39 % tal-PDG), li jponggi lil Malta fis-26 post fl-UE, bażi dgħajfa tar-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija ⁽²⁹⁾, livelli baxxi ta' eċċellenza xjentifika marbuta man-nuqqas ta' massa kritika f'oqsma speċifiċi ta' riċerka, ⁽³⁰⁾ u tnaqqis fil-prestazzjoni tan-negozju bbażata fuq l-innovazzjoni ⁽³¹⁾. Ħafna mill-punti b'saħħithom relattivi ewlenin xjentifiċi u teknoloġiċi ta' Malta jiddependu fuq l-akkumulazzjoni tal-kapaċità f'dawn l-oqsma. ⁽³²⁾ Matul l-aħħar 10 snin (2004-13), il-prestazzjoni innovattiva tas-settur tal-intrapriża tan-negozju ddetterjorat b'mod sinifikanti, il-prestazzjoni tal-privattivi hija ferm taħt il-medja tal-UE ⁽³³⁾, u kien hemm tnaqqis qawwi fid-dħul mil-liċenzji u l-privattivi minn barra ⁽³⁴⁾. Il-Global Competitiveness Report identifika l-kapaċità insuffiċjenti għall-innovazzjoni bħala wieħed mill-aktar fatturi problematiċi biex wieħed jagħmel in-negozju f'Malta u, għalhekk, waħda mill-isfidi ewlenin għall-kompetittività tal-pajjiż. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, jinħtieġ sforz komprensiv biex jiġu rfinuti l-kundizzjonijiet ta' qafas biex jistimulaw aħjar it-trawwim ta'

⁽²⁹⁾ Malta għandha biss 0,21 gradwati dottorali ġodda għal kull elf persuna bejn il-25 u l-34 sena, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 1,81, u prestazzjoni dgħajfa (anqas minn nofs il-medja tal-UE) fir-rigward ta' gradwati ġodda fix-xjenza u l-ingerija.

⁽³⁰⁾ Il-prestazzjoni medja ta' Malta kif imkejla mill-frazzjoni ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi tagħha fl-10% ta' pubblikazzjonijiet l-aktar ikkwotati fid-dinja kienet ta' 4,8% fl-2009 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 10,98%, u b'xejra ta' tnaqqis mill-2005 sal-2009.

⁽³¹⁾ Il-punteġġ ta' Malta fl-Indikatur tal-Output tal-Innovazzjoni (23,3) huwa anqas minn nofs il-medja tal-UE (47,8) u huwa fit-22 post fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2014.

⁽³²⁾ Is-sehem tal-impjiegi fattivitajiet intensivi fl-għarfien (17% tal-impjiegi totali ta' bejn il-15 u l-61 sena meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 13,9%) huwa ogħla mill-medja tal-UE.

⁽³³⁾ Malta għandha 0,7 applikazzjonijiet ta' privattivi PCT għal kull biljun ta' PDG f'PPS (EUR) attwali fl-2010 (medja tal-UE: 3,9).

⁽³⁴⁾ Id-dħul mil-liċenzji u l-privattivi minn barra l-pajjiż nizej minn 0,78% tal-PDG fl-2005 għal 0,21% tal-PDG fl-2012.

kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet ta' rċerka ffinanzjati minn fondi pubbliċi u n-negozji.

L-awtoritajiet nedew Strateġija ta' rċerka u innovazzjoni u qed jaħdmu fuq pjan ta' azzjoni ta' implimentazzjoni. Strateġija dwar ir-rċerka u l-innovazzjoni ġiet adottata fl-2014 u identifikat seba' oqsma ta' speċjalizzazzjoni tematika, filwaqt li l-pjan ta' azzjoni għandu jiġi ffinalizzat sa nofs l-2015. Barra minn hekk, Malta qed tagħmel sforzi partikolari dwar l-implimentazzjoni immedjata u sostenibbli tal-*Istrateġija ta' Innovazzjoni għall-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti* għida, li fih miżuri mfassla apposta (jiġifieri l-azzjonijiet, għodod, pjattaformi jew inċentivi), sabiex jiġu żviluppanti ekosistemi tar-RuĴ Maltin f'sebsa' oqsma magħżula.⁽³⁵⁾ Barra minn hekk, il-prioritajiet tal-pajjiż imorru lejn: a) evalwazzjonijiet sistematiċi tal-appoġġ għall-SMEs; b) il-valutazzjonijiet ta' universitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi tar-rċerka bbażati fuq il-prestazzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jiġi allokat xi finanzjament fuq il-bażi ta' eċċellenza; u c) stimular tat-trasferiment tal-għarfien bejn ix-xjenza u n-negozji. Malta toffri inċentivi fiskali fil-forma ta' krediti tat-taxxa għar-RuĴ, li huma mmirati għal proġetti industrijali għall-iżvilupp ta' prodotti u soluzzjonijiet innovattivi.

Ir-riformi fil-qasam tal-Ġustizzja

L-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja għadha turi nuqqasijiet. It-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi fil-qorti ta' prima istanza jibqa' l-ogħla fl-UE ⁽³⁶⁾ u mar għall-agħar fl-2012-13. Ir-rata ta' riżoluzzjoni ta' kawżi amministrattivi kienet l-iktar waħda

baxxa fl-UE fl-2013 ⁽³⁷⁾. Ir-rapport Doing Business tal-Bank Dinji jindika nuqqasijiet fi proċeduri ta' insolvenza, li kienu stmati f'dan l-istħarriġ li jieħdu sa tliet snin fl-2013 u l-2014. L-istrumenti li jeżistu għall-evalwazzjoni tas-sistema ġudizzjarja huma limitati, peress li ma hemm ebda sistema ta' evalwazzjoni regolari, u lanqas indikaturi tal-prestazzjoni u tal-kwalità tal-attivitajiet tal-qorti u Malta għadha ma wettqitx stħarriġ fost l-utenti tal-qorti u l-professionisti legali. Fir-rigward tat-taħriġ, Malta hija waħda mill-ftit Stati Membri tal-UE fejn bħalissa ma jeżisti l-ebda taħriġ obligatorju ta' qabel jew ta' matul is-servizz għall-imħallfin. Il-Metodi ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u l-Medjazzjoni f'Malta għadhom ma jintużawx biżżejjed minkejja l-isforzi għall-promozzjoni tal-medjazzjoni (miċ-Ċentru ta' Medjazzjoni).

Il-Kummissjoni tar-Riforma tal-Ġustizzja, li twaqqfet f'Marzu 2013, tat lill-Gvern ir-rapport finali tagħha dwar ir-riforma tas-settur fit-2 ta' Diċembru 2013. Miżuri konkreti bdew jiġu implimentati fl-2014 bil-għan li tittejjeb sostanzjalment l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja. Il-miżuri prinċipali jikkonċernaw l-estensjoni tal-politika tal-bini, it-titjib tar-riżorsi umani fil-Qorti ⁽³⁸⁾ u l-forniment ta' servizzi aħjar għaċ-ċittadini ⁽³⁹⁾. Barra minn hekk, fl-2014, inħolqot Aġenzija indipendenti, bil-funzjoni doppja li tipprovdi servizzi ta' għajjnuna legali professjonali u ta' kwalità għolja u li tirregola l-kwistjonijiet ta' għajjnuna legali rilevanti kollha.

⁽³⁵⁾ Żvilupp ta' prodotti turistiċi, servizzi marittimi, tal-avjazzjoni u tal-ajrupazju, għajxien f'kundizzjoni ta' saħħa tajba u xjuħija attiva, u l-kura tas-saħħa elettronika, il-bini b'użu effiċjenti tar-riżorsi, il-manifattura b'valur miżjud għoli, u l-akkwawtura.

⁽³⁶⁾ It-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-ewwel istanza tnaqqas minn 849 jum fl-2010 għal 685 jum fl-2012 u mbagħad żdied għal 750 jum fl-2013. Malta għadha l-pajjiż bl-itwal durata tal-proċedimenti f'din il-kategorija. Għal kawżijiet amministrattivi, it-tul tal-proċedimenti naqas, minn 2758 jum fl-2010 għal 1457 fl-2012 u mbagħad tela' għal 2036 jum fl-2013. It-tul tal-proċedimenti għal kawżi amministrattivi huwa l-ogħla fl-UE. Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, *The 2015 EU Justice Scoreboard*.

⁽³⁷⁾ Ir-rata ta' riżoluzzjoni tal-kawżi amministrattivi kienet ta' 40% fl-2012 u fl-2013. Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, *The 2015 EU Justice Scoreboard*.

⁽³⁸⁾ Ir-reklutaġġ ta' "għuristi" (assistenti mħallfin) huwa ppjanat għall-2015.


⁽³⁹⁾ Dawn li ġejjin ġew implimentati jew huma ppjanati: uffiċċju ta' għajjnuna fl-ewwel punti ta' kuntatt biex jgħin liċ-ċittadini, żviluppi tal-ICT li jippermettu li t-talbiet jiġu sottomessi onlajn, pagament onlajn ta' spejjeż tal-qorti u fluss aħjar ta' informazzjoni dwar il-progressjoni tal-kawżijiet.

2.4. IS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-POLITIKI SOĊJALI, U L-EDUKAZZJONI

Suq tax-xogħol

Is-suq tax-xogħol Malti għad għandu rati baxxi ħafna ta' attività u għad hemm sfidi importanti tas-suq tax-xogħol. Id-distakk fl-attività totali mqabbel mal-medja tal-UE huwa għoli. Wara erba' snin konsekuttivi ta' tkabbir li jaqbeż il-medja taż-żona tal-euro, l-ekonomija Maltija kompliet tikber b'rata soda fl-ewwel nofs tal-2014 (ara t-Taqsima 1). F'dan l-isfond, ir-rata tal-qgħad waqgħet taħt is-6 %, il-qgħad taż-żgħażaġh waqa' taħt il-11 %, is-sehem tan-nies qiegħda fit-tul minn nies qiegħda totali għadu stabbli. Filwaqt li l-popolazzjoni attiva qed tkompli tikber b'mod kostanti, il-parteċipazzjoni kumplessiva fis-suq tax-xogħol għadha baxxa minħabba rati ta' attività baxxi għan-nisa u l-ħaddiema akbar fl-età. Persuni b'diżabilità mhumiex integrati tajjeb fis-suq tax-xogħol, u filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa baxx, l-integrazzjoni taż-żgħażaġh inattivi u mhux irreġistrati tibqa' importanti.

Grafika 2.4.1: Indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol




Nota: Ir-rati tal-attività u tal-qgħad fit-tul għall-2014 jirreferu għall-medja fl-ewwel tliet trimestri
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Minkejja l-qligħ irreġistrat matul dawn l-aħħar snin, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha fost l-aktar baxxi fl-UE. Għalkemm it-tbassir demografiku l-iktar reċenti juri xenarju inqas inkwetanti meta mqabbel ma' stimi preċedenti (b'mod partikolari bis-saħħa ta' rata ogħla ta' fertilità u għal migrazzjoni netta pożittiva), il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol għadha

mbassra li tonqos bejn l-2014 u l-2030 u l-proporzjon tad-dipendenza tax-xjuħija jżied b'mod konsiderevoli⁽⁴⁰⁾. L-attività fis-suq tax-xogħol f'Malta tjiebet konsiderevolment matul l-aħħar 10 snin (ara l-Grafika 2.4.2), u dan b'mod partikolari jirrifletti l-gwadanji qawwija li saru fil-parteċipazzjoni tan-nisa (ara l-Grafika 2.4.3). Madankollu, għalkemm ir-rata ta' attività tal-irgħiel hija qrib il-85 % (ogħla sew mill-medja tal-UE), ir-rati ta' attività u impjieg femminili, madwar 50 %, huma fost l-aktar baxxi fl-Ewropa, u huma partikolarment baxxi għal nisa 'l fuq mill-età ta' 40 sena. Bl-istess mod għall-impjieg fix-xjuħija, il-medja tat-tul tal-ħajja tax-xogħol qed tiżdied iżda għadha sew taħt il-medja tal-UE, b'distakk notevoli għan-nisa fejn iċ-ċifri jirrapurtaw distanza ta' 8,5 snin mill-medja tal-UE⁽⁴¹⁾. Barra minn hekk, minkejja r-rata baxxa ta' qgħad ġenerali, l-appoġġ għall-attivazzjoni permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol huwa limitat.

Grafika 2.4.2: Xejriet fir-rati ta' attività totali f'pajjiżi magħżula




Nota: Etajiet 20-64

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

⁽⁴⁰⁾ Skont il-proġettazzjonijiet EUROPOP2013, il-popolazzjoni tal-età ta' bejn il-15 u l-64 sena hija mistennija li tonqos b'aktar minn 4 % bejn l-2014 u l-2030, filwaqt li l-proporzjon bejn il-popolazzjoni ta' età ta' 65 + u 15-64 huwa mistenni li jżied minn 26,4 % għal 40,5 %, waħda mill-akbar żidiet fl-UE.

⁽⁴¹⁾ It-tul medju tal-ħajja tax-xogħol kien ta' 31,6 snin fl-2012 (żieda ta' 3,3 snin mill-2008) meta mqabbel ma' medja ta' 35 sena fl-UE. Għan-nisa, huwa kien ta' 23,7 fl-2012, meta mqabbel mat-32,2 għall-UE.

Grafika 2.4.3: Rati ta' attività femminili skont il-grupp tal-età, 2003-2013



Nota: Id-dejta għall-grupp tal-età 60-64 fl-2003 mhijex kredibbli

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol

Ir-riżultati li għadhom mhux sodisfaċenti fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jirriflettu taħlita ta' fatturi. B'mod aktar ġenerali, dawn jinkludu obbligi ta' kura, it-tfassil tal-benefiċċji u n-nuqqas ta' arranġamenti ta' xogħol flessibbli, speċjalment fis-settur privat. L-impjegabbiltà tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età u t-tul tal-ħajja tax-xogħol għandhom implikazzjonijiet fuq l-adegwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet (ara wkoll it-Taqsima 2.1). Fost ir-raġunijiet għal-livell ta' impjieg baxx ħafna fost in-nisa hemm obbligi tal-familja relatati mal-kura ta' persuni dipendenti, iżda diżinċentivi finanzjarji jista' jkollhom rwol ukoll. Il-kultura ta' sigħat twal ta' xogħol u d-disponibbiltà limitata ta' opportunitajiet flessibbli u b'sigħat imnaqsa jiskoraġġixxu lin-nisa milli jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jillimitaw lill-irġiel fil-kondiviżjoni ta' obbligi ta' familja. Malta għandha waħda mill-ogħla ishma tan-nisa fl-UE li jirrapportaw "responsabbiltajiet tal-familja jew personali oħrajn" bħala raġuni għaliex mhumiex attivi fis-suq tax-xogħol ⁽⁴²⁾. Wara li jwelledu, aktar

⁽⁴²⁾ Filwaqt li l-inattività minħabba l-indukrar tat-tfal jew il-kura tal-adulti inabilitati hija rrapportata minn nisa fi 17,2% (taħt il-livell tal-UE 28 ta' 18,4%), inattività ta'

nisa qed iżommu impjieg kurrenti f'impjieg ta' hillet medji jew għojn, filwaqt li nisa b'anqas kwalifiki qed jiffaċċaw riskji għolja ta' stakkament mis-suq tax-xogħol ⁽⁴³⁾. Fl-aħħar nett, l-appoġġ ta' Malta għall-attivazzjoni permezz ta' politika tas-suq tax-xogħol attiva hija limitata wkoll.

L-isforzi ta' politika mill-awtoritajiet iffukaw fuq il-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja. Dawn marru fid-direzzjoni t-tajba kif jidher mill-iżviluppi pożittivi fir-rati tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-miżuri jiffukaw l-aktar fuq inċentivi finanzjarji sabiex l-impjieg isir aktar attraenti sabiex jiġi stimulat aktar l-impjieg u jiġu limitati n-nases tal-inattività li huma konsiderevoli fil-livelli aktar baxxi ta' introjtu (Ara l-Grafika 2.4.4). It-tkomplija tal-provvista ta' servizzi ta' kura tat-tfal b'xejn lil unitajiet domestiċi li fihom iż-żewġ ġenituri huma f'impjieg jew qed isegwu edukazzjoni iktar avvanzata, l-introduzzjoni ta' tnaqqis gradwali tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali u r-riformi ppjanati tas-sistema tal-benefiċċji tal-maternità, kif ukoll l-istabbiliment ta' inċentivi tat-taxxa u sussidji tal-pagi għal nisa inattivi 'l fuq mill-età ta' 40 sena li jidħlu fis-suq tax-xogħol huma eżempji ta' dan.

Ġew introdotti arranġamenti flessibbli tax-xogħol fis-settur pubbliku, filwaqt li l-adozzjoni tagħhom fis-settur privat għadha limitata, ukoll minħabba l-kompożizzjoni tiegħu peress li l-maġġoranza tal-entitajiet kummerċjali huma SMEs u mikrointrapriżi ⁽⁴⁴⁾. Miżuri ppjanati jinkludu t-tqegħid fis-seħħ ta' sett ta' għodod li jappoġġaw impjegaturi privati fl-implimentazzjoni ta' xogħol flessibbli u miżuri favur il-familja ⁽⁴⁵⁾ fuq bażi każ b'każ. Valutazzjoni preliminari tagħti indikazzjonijiet pożittivi f'termini ta' żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u titjib fil-bilanċ tax-xogħol u l-familja. Għalkemm diġà

40% hija rrapportata minħabba responsabbiltajiet familjari jew personali oħra (12% fl-UE 28), EUROSTAT


⁽⁴³⁾ Malta: the National Employment policy 2014, p. 77 ff.

⁽⁴⁴⁾ Bħala parti minn proġett tal-Uffiċċju tan-Negozju ta' Malta, Appoġġ għar-Riżorsi Umani f'Taħriġ li Jiffavorixxi l-Familja, sett ta' għodda li jappoġġaw l-impjegaturi privati fl-implimentazzjoni ta' xogħol flessibbli u miżuri favur il-familja se jiġi pprovdut, u huwa ppjanat li jiġu pprovduti abbażi ta' każ b'każ servizzi ta' konsulenza dwar l-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' xogħol flessibbli.

⁽⁴⁵⁾ Proġett tal-Malta Business Bureau: Appoġġ għar-Riżorsi Umani f'Taħriġ Favur il-Familja.

hemm miżuri mmirati lejn l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa li għandhom obbligi ta' kura tat-tfal, għadha nieqsa l-attenzjoni għal dawk li għandhom dipendenti oħra. Sabiex jiġi appoġġat l-impjeg u jitnaqqsu d-dizincitivi għax-xogħol għal ġenituri waħedhom fuq assistenza soċjali, it-naqqis gradwali tal-benefiċċji se jiġi estiż fl-2015 għal dan il-grupp fil-mira, iżda s-sistema hija mistennija li tiġi mibdula sabiex jiżiedu t-tranżizzjonijiet bla diffikultà mill-assistenza soċjali għall-impjeg. Sabiex jiġu indirizzati n-nases tal-inattività u tiġi mtejba s-sitwazzjoni tal-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, skema ta' benefiċċji għal min jaħdem hija mistennija li tiddaħħal fl-2015 li tkun immirata lejn familji bi dħul minn baxx sa medju fejn iż-żewġ persuni miżżewġa (jew il-ġenitur uniku) jkunu qed jaħdmu u jkollhom tfal dipendenti sal-età ta' 23 sena.

Grafika 2.4.4: Nases tal-inattività għal persuni li jaqilgħu pagi baxxi, % tal-introju gross, 2013



Nota: In-nassa tal-inattività hija definita bħala l-perċentwal tad-dħul gross li jittieħed f'taxxa meta wieħed jgħaddi mill-inattività għall-impjeg, minħabba taxxi u tneħħija ta' benefiċċji. Livelli ta' introju ta' 40 %, 50 % u 67 % tal-paga medja, bil-preżunzjoni ta' impjeg full-time. Il-livell ta' 40 % jikkorrispondi mal-paga minima.

Sors: Il-bażi tad-dejta tat-Taxxi u l-Benefiċċji tal-Kummissjoni Ewropea-l-OECD

Qegħdin jiġu implimentati diversi miżuri mmirati li jżidu r-rata tal-impjeg ta' ħaddiema akbar fl-età. Dawn jiffokaw fuq li tizzied l-età effettiva tal-irtirar u li l-ħaddiema jitħallew ikomplu jaħdmu wara l-età tal-pensjoni statutorja. Politika Strateġika Nazzjonali dwar it-Tixjijiet Attiv għas-snin 2014-2020, ibbażata fuq tliet pilastri: żieda fil-parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol, titjib tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-promozzjoni ta' ħajja indipendenti, tnediet f'Novembru 2013 u twaqqfet Unità dwar it-Tixjijiet Attiv għall-implimentazzjoni tal-politika. Minbarra żieda gradwali fl-età statutorja tal-irtirar, ġew stabbiliti inċentivi fiskali mmirati biex jattiraw ħaddiema kbar fl-età fis-suq tax-xogħol, kemm fil-forma ta' tnaqqis tat-taxxa għal impjegati anzjani, kif ukoll fil-forma ta' inċentivi tat-taxxa għall-intrapriżi biex jirreklutaw u jħarrġu lill-ħaddiema aktar anzjani.

Żgħażaġħ u persuni b'diżabilità

Il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-impjeg tal-persuni b'diżabilità jippreżentaw sfidi addizzjonali. Għalkemm it-tħassib dwar dawn iż-żewġ gruppi huwa inqas akut, huma wkoll juru vulnerabbiltajiet. Ir-rata tal-impjeg irrappurtata mill-persuna stess tal-persuni b'diżabilità f'Malta hija baxxa ħafna, u hija ta' 21,4 %⁽⁴⁶⁾ għal dawk bl-età ta' 20-64 fl-2012 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 48 %. Id-distakk fl-impjeg meta mqabbel ma' persuni mingħajr diżabilità huwa wkoll sinifikanti (43 punt perċentwali meta mqabbel ma' 23,6 punti perċentwali għall-medja tal-UE) u kiber b'mod sinifikanti mill-2009. Nassa tal-benefiċċji tista' tikkontribwixxi għal din il-problema. Persuni b'diżabilità huma intitolati għal pensjoni tad-diżabilità ekwivalenti għal madwar 55 % tal-paga minima, li hija għal kollox suġġetta għal test tal-mezzi, li jimplika tnaqqis wieħed-għal-wieħed fil-pensjoni tad-diżabilità għad-dħul mix-xogħol oġġla mill-paga minima. F'dak li għandu x'jaqsam maż-żgħażaġh, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh hija aktar baxxa mill-medja tal-UE, iżda d-devjazzjoni tal-proporzjon tal-qgħad bejn iż-żgħażaġh u l-adulti hija fost l-oġġla fl-UE.

⁽⁴⁶⁾ Sors: UE-SILC 2012. UE-SILC hija bbażata fuq metodoloġija differenti mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, u għalhekk dawn iż-żewġ stħarriġiet mhumiex paragonabbli.

L-awtoritajiet implimentaw miżuri mmirati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn il-gruppi fis-suq tax-xogħol. Sabiex jappoġġa l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, il-Gvern introduċa liġi fejn 2 % ta' persuni impjegati minn kumpaniji (li jimpjegaw iktar minn 20 impjegat) għandhom ikunu persuni b'diżabbiltà. Il-pjanijiet futuri tal-politika huma ffukati fuq il-Politika Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità l-ġdida, immedja f'Diċembru 2014. Sabiex jiġu indirizzati n-nases tal-benefiċċji, il-pensjonijiet tad-diżabilità se jiġu rriformati bil-għan li jinżammu l-intitolamenti wkoll jekk jittieħed impjeg bi ħlas. F'dak li għandu x'jaqsam maż-żgħażaġh, l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tiffoka fuq l-inklużjoni ta' żgħażaġh mhux reġistrati inattivi, li huma barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ (NEETs), filwaqt li jiġu bbilanċjati b'mod xieraq l-azzjoni preventiva u dik ta' rimedju.

In-negożjar tal-pagi

Il-qafas ta' negożjar tal-pagi għen biex jillimita l-iżviluppi fil-pagi, iżda xi karatteristiċi istituzzjonali jitolbu monitoraġġ. Malta għandha qafas deċentralizzat għan-negożjar kollettiv, li wera li huwa stabbli u effettiv biex jipprovi livell għoli ta' flessibilità. Iż-żidiet tal-paga minima statutorja huma limitati għaż-żieda fl-Allowance għall-Għoli tal-Ħajja, mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pagi awtomatiku li jipprovi kumpens (parzjali) għall-inflazzjoni tal-passat⁽⁴⁷⁾. L-istess żieda assoluta hija wkoll mogħtija lil dawk bi dħul kollha li jaqilgħu paga fl-ekonomija u hija kkalkulata abbażi ta' "bażi tal-paga", li hija biss madwar 60 % tal-paga medja. Dan ifisser li l-Allowance tal-Għoli tal-Ħajja hija sinifikanti għal dawk li jirċievu anqas mill-paga medja, iżda l-impatt tagħha jkun iżgħar għal ħaddiema li jaqilgħu aktar. Minħabba żviluppi fil-prezzijiet baxxi ħafna bħalissa, iż-żidiet fil-pagi marbuta mal-ġhoti ta' Allowances tal-Għoli tal-Ħajja kienu modesti (EUR 0,58 fil-ġimgħa fl-2015). Minkejja li huwa parzjali, madankollu, l-indiċjar tal-pagi jista' xorta waħda jkollu effetti potenzjalment negattivi fuq il-kompetittività billi jikkawża

⁽⁴⁷⁾ Il-paga minima statutorja, li kienet tammonta għal EUR 165,68 kull ġimgħa fl-2014, ġiet aġġustata b'mod marġinali fl-2015 bil-Kumpens għall-Għoli tal-Ħajja (Cost of Living Allowance, COLA) għal EUR 166,27 fil-ġimgħa.

allinjament ħażin bejn l-iżviluppi fil-pagi u l-produttività, b'mod partikolari fil-każ ta' żieda f'daqqa fl-inflazzjoni minħabba fatturi esterni. Iktar fl-istess vena, il-grad sa liema l-Allowance tal-Għoli tal-Ħajja hija inkorporata fiż-żidiet fil-pagi maqbula kollettivament jaffettwa wkoll il-potenzjal għal allinjament ħażin bejn is-salarji u l-iżviluppi fil-produttività. Ma ttieħdu l-ebda passi biex jiġu limitati riskji possibbli bħal dawn.

Politiki Soċjali


Malta tidher li qed tirrinunzja għall-mira tagħha tat-tnaqqis tal-faqar sal-2020. Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa inqas mill-medja tal-UE, iżda dan żdied b'erba' punti perċentwali bejn l-2008 u l-2013, u laħaq l-24 %, filwaqt li d-deprivazzjoni materjali serjs aktar minn irdoppjat (ara l-Grafika 2.4.5) tul l-istess perjodu, minkejja l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol favorevoli. Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa ogħla mill-medja tal-UE għat-tfal (32 % kontra 27,6 %), b'mod partikolari għal dawk li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed (41,9 % kontra 31,8 %). Il-faqar fost l-anzjani huwa wkoll ogħla mill-medja tal-UE (20,8 % kontra 18,3 %), u huwa relatat mill-qrib mal-adegwatezza baxxa tal-pensjonijiet. Ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali huwa wkoll ogħla b'mod sinifikanti għal persuni b'kisbiet edukattivi bażiċi biss (ISCED 0-2), u l-proporzjon huwa ta' 18 % meta mqabbel ma' 3 % għall-persuni b'edukazzjoni terzjarja.

Sabiex titjieb l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' protezzjoni soċjali fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar, Malta ħabbret diversi riformi. Għalkemm qed tibda minn livell baxx ta' nefqa soċjali, Malta rreġistrat progress b'żieda konsiderevoli fin-nefqa fil-kura tat-tfal matul il-ġurnata, fl-edukazzjoni u, sa livell anqas, għal miżuri ta' attivazzjoni⁽⁴⁸⁾. Barra minn hekk, Qafas Strateġiku għat-Tnaqqis tal-Faqar u għall-Inklużjoni Soċjali, li jstabbilixxi politika biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, tnieda f'Diċembru 2014. L-isforzi biex jiġu appoġġati l-impjegji u jitnaqqsu d-dizincementi għax-xogħol huma mistennija li jikkontribwixxu aktar biex

⁽⁴⁸⁾ Employment and Social Developments in Europe 2014 [http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-3321_en.htm]

jitnaqqas is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar.

Grafika 2.4.5: Indikaturi tal-faqar, % tal-popolazzjoni totali




Nota: AROPE - Fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, AROP - fir-riskju tal-faqar
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Edukazzjoni u Ħiliet

Il-livelli ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol mhux se jitjiebu fit-tul mingħajr ma jiġu indirizzati l-punti ta' konġestjoni fis-sistema edukattiva. Minkejja investimenti sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, Malta għadha qed tthabbat wiċċha ma' sfidi relatati mal-kisba ta' ħiliet bażiċi, ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola (ara l-Grafika 2.4.6) u l-aġġustament tal-ħiliet għar-reqwiziti tas-suq tax-xogħol. Il-kisbiet edukattivi għoljin itejbu wkoll il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema. Fl-2014, il-Gvern irċieva Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż f'dan is-sens.

Grafika 2.4.6: Tendenzi fir-rata tat-tluq bikri mill-iskola, %



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Riżultati edukattivi u tluq bikri mill-iskola

Studji internazzjonali juru li l-kisba ta' ħiliet bażiċi hija pjuttost dgħajfa. Il-prestazzjoni ta' dawk li għandhom 15-il sena fit-testijiet tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjanti (PISA) 2009+ tal-OECD kienet fost l-aqgħar fl-UE ⁽⁴⁹⁾. Dan kien marbut mal-akbar differenza bejn is-sessi fost il-pajjiżi tal-UE, bil-bniet jissuperaw bil-qawwa lis-subien fl-oqsma kollha ttestjati (il-qari, il-matematika u x-xjenza). Bl-istess mod, il-prestazzjoni ta' dawk li għandhom 10 snin fil-Progress in International Reading Literacy Study tal-2011 u t-Trends in International Mathematics and Science Study ⁽⁵⁰⁾ kienet dgħajfa ħafna, b'Malta tkun l-aqgħar fost il-pajjiżi tal-UE fil-biċċa l-kbira tal-oqsma.

Minkejja t-titjib fis-snin reċenti u l-implimentazzjoni ta' politiki mmirati biex jindirizzawh, it-tluq bikri mill-iskola għadu problema ewlenija għas-sistema edukattiva. Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola naqset bi 12-il punt perċentwali bejn l-2007 u l-2013. Minkejja dan il-progress riċenti, ir-rata għadha t-tieni l-ogħla fl-UE (20,8 % fl-2013), b'differenza sinifikanti bejn is-sessi (23,2 % għas-subien meta mqabbla ma' 18,4 % għall-bniet). L-isforzi tal-awtoritajiet biex

⁽⁴⁹⁾ <http://www.oecd.org/pisa/keyfindings/pisa2009keyfindings.htm>. Malta ma tipparteċipax f'PISA 2012.

⁽⁵⁰⁾ <http://timssandpirls.bc.edu/>.

jindirizzaw il-kwistjoni kienu fid-direzzjoni t-tajba. L-Istrateġija tat-Tluq Bikri mill-Iskola ⁽⁵¹⁾ ġiet ippubblikata f'Ġunju 2014 u ġiet stabbilita Sistema ta' Monitoraġġ tat-Tluq Bikri mill-Iskola fi tmiem is-sena. Ġiet stabbilita Unità ta' Monitoraġġ tat-Tluq Bikri mill-iskola fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi u kumitat interministerjali sabiex imexxi u jikkoordina l-azzjonijiet ta' politika dwar it-tluq bikri mill-iskola beda l-ħidma tiegħu f'Lulju 2014. Barra minn hekk, qed isiru sforzi biex tingħata t-tieni opportunità għall-edukazzjoni ta' kwalità għal gruppi fil-mira, jiġifieri persuni b'diżabilità. L-implimentazzjoni xierqa tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd ⁽⁵²⁾, immedija f'Ġunju 2014, appoġġata minn fondi adegwati, tista' tgħin biex jiġu indirizzati problemi ta' litteriżmu. L-għan ġenerali tal-qafas strateġiku huwa li jippromwovi u jsaħħaħ il-prattiki ta' kwalità għolja ta' litteriżmu fost it-tfal, iż-żgħażaġh, l-adulti, iċċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni b'diffikultajiet fit-tagħlim, kif ukoll biex jitjiebu r-riżultati fil-litteriżmu. Programmi ta' ħiliet bażiċi attwali se jiġu kkonsolidati u estenzi iktar sabiex dawn isiru aktar effettivi.

Aktar progress fit-tnaqqis fit-tluq bikri mill-iskola, kif ukoll fil-kisba ta' ħiliet bażiċi, se jiddependi ħafna fuq il-kwalità tat-tagħlim ⁽⁵³⁾. Billi xi bidliet kbar jinsabu għaddejnin fis-settur skolastiku f'Malta (pereżempju, l-introduzzjoni ta' klassijiet b'abilitajiet differenti, il-benchmarking tal-għodod tal-eżamijiet u tat-tagħlim elettroniku), nuqqas ta' għalliema kwalifikati u tas-sengħa biżżejjed jistgħu jkunu ostaklu fil-promozzjoni ta' tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti. Kemm l-Istrateġija tat-Tluq Bikri mill-Iskola, kif ukoll l-Istrateġija tal-Litteriżmu jirrikonoxxu l-ħtieġa li jittejjeb l-iżvilupp professjonali tal-għalliema fl-istadji kollha tal-karriera. Sa issa, il-miżura prinċipali prevista hija li jiġi stabbilit Istitut għal

żvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema fl-2015. Billi l-miżuri sabiex tittejjeb il-kwalità tat-tagħlim neċessarjament jeħtieġu perspettiva ta' politika għal perjodu medju u twil ta' żmien, impenn fit-tul fis-snin li ġejjin ser ikun kruċjali.

Forniment tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol

Il-provvista tal-ħiliet għadha ma adattatx ruħha għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Ġew identifikati punti ta' konġestjoni mal-ispettru tal-ħiliet kollu kemm hu ⁽⁵⁴⁾. Minħabba d-daqs żgħir tal-ekonomija, hemm sfida strutturali għal min iħaddem biex jirrekluta profili speċjalizzati b'esperjenza ta' xogħol rilevanti. Fost is-setturi b'livell għoli ta' ħiliet, il-kura tas-saħħa, il-finanzi u l-IT jispikkaw b'ħala daww fejn id-domanda taqbeż sew il-provvista. Sidien Maltin irrikorrew biex jimpjegaw ħaddiema tas-sengħa minn barra l-pajjiż, iżda l-ħaddiema barranin għandhom it-tendenza li jkunu aktar diffiċli biex iżzommom. Barra minn hekk, minkejja żieda fit-teħid ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ⁽⁵⁵⁾, jirriżulta li fadal lok għat-tisħiħ tal-governanza u sħubijiet bejn il-fornituri u min iħaddem. Malta għadha ma żviluppax sistema integrata ta' informazzjoni, li tiġbor dejta sistematika dwar postijiet vakanti madwar l-ekonomija kollha, u lanqas qafas ċar għall-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-ħiliet ⁽⁵⁶⁾. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja ⁽⁵⁷⁾, li għadha limitata, tnaqqas l-impjegabbiltà tar-residenti Maltin, b'mod partikolari fost daww b'ħiliet baxxi ⁽⁵⁸⁾ u l-ħaddiema akbar fl-età, li l-ħiliet tagħhom ta' spiss ma jkunux aġġornati u li l-impjegabbiltà tagħhom tkun fil-periklu.

L-approċċ tal-awtoritajiet f'dan il-qasam huwa multidimensjonali, iżda l-politiki huma fl-istadji bikrija ta' implimentazzjoni. Wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, il-Gvern huwa fil-proċess li joħloq skema waħda nazzjonali ta' apprendistat. L-iskema se tkopri numru akbar ta' livelli ta' kwalifiki u karigi u tinkludi wkoll sistema ta' tnaqqis tat-taxxa introdotta mill-baġit

⁽⁵¹⁾ Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2014), A strategic plan for the prevention of early school leaving in Malta, <http://education.gov.mt/ESL/Documents/School%20Leaving%20in%20Malta.pdf>.

⁽⁵²⁾ Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi (2014), *A national literacy strategy for all in Malta and Gozo 2014-2019*, <http://education.gov.mt/en/Documents/Literacy/ENGLISH.pdf>.

⁽⁵³⁾ Ara l-Kummissjoni Ewropea (2012), Supporting the Teaching Professions for Better Learning Outcomes, SWD(2012) 374.

⁽⁵⁴⁾ Mapping and analysing bottleneck vacancies on EU labour markets, 2013.

⁽⁵⁵⁾ Skont l-informazzjoni nazzjonali 75 % tal-gradwati qed isibu impjeg full-time wara t-tlestija tal-apprendistat.

⁽⁵⁶⁾ Il-kopertura tal-postijiet vakanti mill-PES Maltin hija biss parzjali.

⁽⁵⁷⁾ Il-parteċipazzjoni hija ta' 7,5 % f'Malta u 10,5 % fl-UE 28.

⁽⁵⁸⁾ Malta hija fost l-Istati Membri fejn sehem għoli tal-forza tax-xogħol (25-29) għandhom fit kwalifiki (ISCED 0-2).

tal-2014 ⁽⁵⁹⁾. Qed jiġu introdotti aktar korsijiet vokazzjonali, li jkopru suġġetti addizzjonali, u l-għadd ta' apprendistati żdied sabiex tiġi ssodisfata d-domanda għolja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avanzata u Ogħla qed timmira li tintroduċi sistema nazzjonali ta' validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali, b'allinjament mal-Qafas Malti għall-Kwalifiki. Malta qiegħda wkoll tippjana biex twaqqaf Kunsill tal-Ħiliet sabiex tallinja aħjar il-prodott tal-edukazzjoni mar-relevanza għas-suq ⁽⁶⁰⁾ filwaqt li "suq tax-xogħol virtwali" huwa maħsub biex jiffaċilita t-tqabbil tal-ħiliet mal-postijiet ta' apprendistat. Fir-rigward tat-tagħlim tul il-ħajja, l-awtoritajiet fasslu Strateġija ta' Tagħlim tul il-Ħajja bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni u ħejjew finanzjament dedikat għal dawk li jħaddmu biex iħarrġu lill-impjegati tagħhom permezz tal-Programm Operattiv 2014-2020 tal-Fond Soċjali Ewropew. Ir-rispons ta' politika jidher li sejjer fid-direzzjoni t-tajba. L-involvement tal-impriżi fit-tfassil ta' apprendistati aktar attraenti u ta' kwalità ogħla għadu jidher insuffiċjenti u sa issa d-domanda għall-apprendistati qiegħda taqbeż il-provvista.

⁽⁵⁹⁾ Il-Ministeru tal-Finanzi (2013), Diskors tal-Baġit 2014, https://mfina.gov.mt/en/The-Budget/Documents/The_Budget_2014/Budget2014_Speech_MT.pdf

⁽⁶⁰⁾ Malta: The National Employment Policy, Mejju 2014.

ANNEX A

Tabella ta' Deskrizzjoni

Impenji għall-2014	Valutazzjoni fil-qosor
Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) (1)	
<p>RSP 1:</p> <p>Korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2014. Fl-2015, isir tisħiħ sinifikanti tal-istrateġija baġitarja biex ikun żgurat l-aġġustament strutturali meħtieġ ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-oġġettiv ta' terminu medju. Wara dan, issir ħidma biex jinkiseb aġġustament strutturali ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG kull sena, u aktar minn hekk f'kundizzjonijiet ekonomiċi tajbin jew jekk meħtieġ li jiġi żgurat li r-regola tad-dejn tintlaħaq sabiex il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika jinżamm fit-triq ta' tnaqqis sostnut.</p> <p>Finalizzar tal-adozzjoni ta' Att dwar ir-Responsabilità Fiskali bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas fiskali pluriennali vinkolanti bbażat fuq ir-regoli u li tiġi stabbilita istituzzjoni indipendenti inkarigata bil-monitoraġġ ta' regoli fiskali u l-approvazzjoni ta' previżjonijiet makroekonomiċi li fuqhom huwa bbażat l-ippjanar fiskali.</p> <p>Tkompli tittejjeb il-konformità fiskali u tiġi miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa billi tiġi żgurata t-tkomplija tat-tnedija u l-evalwazzjoni tal-miżuri meħuda sa issa, filwaqt li tittieħed azzjoni addizzjonali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' mezzi elettroniċi ta' pagament.</p>	<p>Malta għamlet progress sostanzjali fl-indirizzar ta' RSP 1 (din il-valutazzjoni globali tar-RSP 1 teskludi valutazzjoni tal-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir).</p> <p>Malta indirizzat b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjoni dwar il-qafas fiskali. F'Lulju 2014, il-Parlament Malti adotta l-Att dwar ir-Responsabilità Fiskali. Huwa jipprevedi l-istabbiliment ta' Kunsill Fiskali li japprova l-proġettazzjonijiet makroekonomiċi u fiskali mħejjija mill-Ministeru tal-Finanzi. Fl-ewwel sena wara l-adozzjoni tal-att, il-funzjonijiet tiegħu jitwettqu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Il-Kunsill Fiskali nħatar formalment fis-16 ta' Jannar 2015.</p> <p>Malta għamlet xi progress biex issaħħaħ il-konformità tat-taxxi u l-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa, iżda l-impatti konkreti tal-miżuri li jinsabu għaddejjin għadhom mhumiex ċari. Passi riċenti huma mixjin fid-direzzjoni t-tajba, iżda l-pass tal-bidla jista' jiġi aċċellerat, notevolment għall-fużjoni tad-dipartimenti tat-taxxa. L-ewwel sforzi biex tiġi esplorata l-promozzjoni ta' sistemi elettroniċi tal-ħlas huma inkoraġġanti, iżda s'issa huma ristretti għall-ħlas ta' taxxi.</p>
<p>RSP 2:</p> <p>Tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, tkomplija tar-riforma li għaddejjja fil-pensjonijiet, pereżempju permezz tal-aċċellerazzjoni taż-żieda li diġà ġiet implimentata fl-età statutorja tal-irtirar u billi konsekuttivament din tiġi marbuta mal-bidliet fl-istennija tal-ħajja.</p>	<p>Malta għamlet progress limitat fl-indirizzar tar-RSP 2:</p> <p>Malta ma għamlet l-ebda progress dwar ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet biex tħaffef iż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar u konsegwentement torbotha mal-istennija tal-ħajja.</p> <p>Malta għamlet xi progress fit-tiġib tal-</p>

<p>Jiġi żgurati li riforma komprensiva tas-sistema tas-saħħa pubblika tipprovdi użu kosteffettiv u sostenibbli tar-riżorsi disponibbli, bħalma hu t-tiżni tal-kura primarja.</p>	<p>kosteffettività tas-sistema tas-saħħa tagħha. L-awtoritajiet irreaġixxew b'mod pożittiv għar-rakkomandazzjonijiet u żiedu l-isforzi tagħhom favur ir-riforma u xi miżuri diġà qed jagħtu riżultati pożittivi. L-Istrateġija tas-Sistemi tas-Saħħa Nazzjonali u l-pjanijiet ta' azzjoni sussegwenti fuq is-sistema tas-saħħa ta' Malta jipprovdu bażi soda għal riforma komprensiva. Biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistema tas-saħħa huwa importanti li l-miżuri estensivi li ġew ippjanati u mnedija fil-governanza, il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard u l-kura primarja jkomplu jiġu implimentati bl-istess ritmu.</p>
<p>RSP 3:</p> <p>Tkomplija tal-isforzi ta' politika biex tiġi indirizzata r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ billi jżiedu l-isforzi dwar ir-riforma tas-sistema ta' apprendistat.</p> <p>Tkomplija tat-titjib tal-kisba ta' ħliet bażiċi u tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, b'mod partikolari billi tiġi ffinalizzata u implimentata l-strateġija nazzjonali tal-litteriżmu li ġiet imħabbra.</p> <p>Tkomplija tat-titjib tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jixtiequ jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol permezz tal-promozzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli.</p>	<p>Malta għamlet xi progress biex tindirizza r-RSP 3:</p> <p>Sar xi progress fil-ħolqien ta' skema unika tal-apprendistat. Twaqqfet Unità tal-Apprendistat ġdida fil-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija bħala korp uniku responsabbli mill-iskema tal-apprendistat. Huma meħtieġa sforzi oħra sabiex jiġi ffaċilitat tqabbil fil-pront tal-ħiliet mal-ħtiġijiet ta' min iħaddem.</p> <p>Malta għamlet xi progress dwar il-miżuri għat-titjib ulterjuri tal-kisbiet tal-ħiliet bażiċi u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola. L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd ġiet imnedija f'Ġunju 2014. L-Istrateġija tat-Tluq Bikri mill-iskola ġiet ippubblikata f'Ġunju 2014. Ġiet stabbilita Unità ta' Monitoraġġ tat-Tluq Bikri mill-iskola fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi u kumitat interministerjali sabiex imexxi u jikkoordina l-azzjonijiet ta' politika dwar it-tluq bikri mill-iskola beda l-ħidma tiegħu f'Lulju 2014.</p> <p>Huwa viżibbli xi progress biex tiġi indirizzata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Ittieħdu xi passi biex jiġu introdotti arranġamenti flessibbli tax-xogħol fis-settur privat u qed jiġu introdotti miżuri mmirati lejn in-nisa b'obbligi ta' kura tat-tfal. It-titjib tal-parteċipazzjoni tan-nisa mdaħħla fiż-żmien, kemm f'termini ta' faċilitazzjoni taż-żamma u r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol, kif ukoll f'termini ta' aġġustamenti tal-ħiliet, jeħtieġ aktar attenzjoni. Għalkemm xi miżuri qegħdin jiġu implimentati, bħal inċentivi tat-taxxa</p>

	<p>u sussidji ta' pagi għal nisa mhux attivi 'l fuq mill-età ta' 40 sena li jidħlu fis-suq tax-xogħol, l-impatt tagħhom fuq l-impjiegi jeħtieġ li jkompli jiġi ssorveljat. Ingħatat attenzjoni limitata għal miżuri għal nisa li għandhom dipendenti oħra bħal anzjani jew persuni b'diżabilitajiet. Kumplessivament huwa osservat riżultat pożittiv f'termini taż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u t-titjib tal-bilanċ tax-xogħol u l-familja.</p>
<p>RSP 4:</p> <p>Id-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija fl-ekonomija, inkluż billi jiżdied is-sehem tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli.</p>	<p>Malta għamlet xi progress dwar id-diversifikazzjoni tat-taħlita enerġetika billi lestiet il-bini tal-interkonnettur tal-elettriku lejn l-Ewropa kontinentali u ħadet l-ewwel passi biex tressaq il-produzzjoni tal-elettriku lil hinn miż-żejt kif ukoll dwar miżuri biex iżżid l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija</p>
<p>RSP 5:</p> <p>Tkomplija tal-isforzi biex tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqas it-tul tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku;</p> <p>inkoraġġiment ta' alternattivi għall-finanzjament bid-dejn ta' kumpaniji permezz tal-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq kapitali u l-iżvilupp ta' fondi ta' kapital ta' riskju;</p> <p>u żieda fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja billi jiġi żgurat li jkun hemm implimentazzjoni fil-ħin u effiċjenti tar-riforma ġudizzjarja ppjanata.</p>	<p>Malta għamlet xi progress biex tindirizza r-RSP 5:</p> <p>Malta għamlet progress sostanzjali dwar miżuri li jikkonċernaw proċeduri tal-akkwist pubbliku. It-tul attwali tal-proċeduri tal-akkwist naqas b'mod sinifikanti, minn 191 jum fl-2013 (233 jum fl-2009) għal 115-il jum fl-2014. Dan it-tnaqqis jirriżulta b'mod partikolari mill-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku obligatorju (in-notifika elettronika, l-aċċess elettroniku u s-sottomissjoni elettronika) sa minn Jannar 2013. Barra minn hekk, id-dipartimenti governattivi rilevanti ġew imsaħħa. Iż-żieda fil-kapaċità amministrattiva addizzjonali mħabbra għandha tikkonsolida l-kisbiet u tnaqqas it-tul tal-proċedura xi ftit iżjed, u b'hekk iġġib lil Malta eqreb lejn il-medja tal-UE.</p> <p>Malta għamlet xi progress dwar miżuri li jinkoraġġixxu alternattivi għall-finanzjament tal-kumpaniji bid-dejn. Reviżjoni tal-iskema start-up minn Malta Enterprise tinsab għaddejja. L-awtoritajiet nedew pjattoforma tal-kapital tar-riskju sabiex jgħinu lill-impriżi li jkunu fil-fażi tal-bidu u ħabbru Programm tal-Investment tal-Bidu (sabiex jipprovdu krediti tat-taxxa ekwivalenti għall-investment li jsir fl-impriżi fil-fażi tal-bidu.</p> <p>Malta għamlet progress limitat fuq miżuri li jżidu l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja Maltija li tibqa' sfida. Riformi ġudizzjarji huma ppjanati iżda l-biċċa l-kbira minnhom għadhom ma ġewx implimentati. Dawn jistgħu jkunu mistennija li jkollhom effetti pożittivi fuq perjodu ta' żmien medju u twil, iżda dan għad irid jiġi kkonfermat</p>

	bil-fatti fuq il-post.
Ewropa 2020 (miri nazzjonali u progress)	
Il-mira tal-qasam ta' politika	Il-progress miksub
Il-mira nazzjonali tal-impjegi (70 %)	66,1 % (l-ewwel disa' xhur tal-2014), 64,8 % (2013) - intlaħqet il-mira nazzjonali l-antika, u sar progress lejn il-kisba tal-mira l-ġdida tal-2020.
Il-mira nazzjonali għall-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (2 % tal-PDG)	L-intensità tar-RuĴ ta' Malta kienet ta' 0,85 % tal-PDG fl-2013, baxxa ħafna meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 2,02 %, filwaqt li l-mira nazzjonali tal-2020 ta' 2 % għadha 'l bogħod ħafna milli tintlaħaq.
Mira nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jaqgħu taħt setturi barra l-ambitu tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (+5 % meta mqabbla mal-livell tal-2005)	L-emissjonijiet tal-gass serra mhux ETS naqsu b'4 % bejn l-2005 u l-2013. Skont l-aħħar proġettazzjonijiet nazzjonali, u filwaqt li jitqiesu l-miżuri eżistenti, il-mira hija mistennija li tintlaħaq: +4 % fl-2020 meta mqabbla mal-2005 (b'marġini ta' punt perċentwali wieħed).
Mira għall-enerġija rinnovabbli (10 %)	Sehem ta' 2,5 % tal-enerġija rinnovabbli fl-2013 (EurObserv'ER)
Il-mira nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika (tnaqqis tal-konsum ta' enerġija primarja għal 0,825 Mtoe u tal-konsum finali għal 0,493 Mtoe)	Il-mira tal-effiċjenza enerġetika ta' Malta tal-2020 tnaqqset minn 0,8 Mtoe għal 0,7 Mtoe espressi f'konsum primarju tal-enerġija (0,5 % Mtoe espressi f'konsum finali tal-enerġija). Meta titqabbel ix-xejra tal-konsum primarju tal-enerġija mal-iżvilupp tal-PDG matul l-aħħar għexieren ta' snin, huwa ċar li hemm evidenza ta' diżakkoppjament qawwi tat-tnejn li huma sa mill-2005.
Mira nazzjonali tat-tluq bikri mill-iskola (10 %)	22,7 % fl-2011, 21,1 % fl-2012, 20,8 % fl-2013. Xi progress lejn il-kisba ta' din il-mira.
Mira nazzjonali tal-kisba ta' edukazzjoni terzjarja (33 %)	23,4 % fl-2011, 24,9 % fl-2012, 26 % fl-2013. Xi progress lejn il-kisba ta' din il-mira.
Il-mira nazzjonali għal kontra l-faqar (tneħħija ta' 6 560 individwu mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali)	Malta impenjat ruħha li tnaqqas b'6 560 in-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali miċ-ċifra tal-2008 ta' 81 000. Madankollu, dawk fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali komplew jżiedu u fl-2013 iċ-ċifra kienet ta' 99 000.

ANNEX B

Tabelli Standard

Tabella AB.1: **Indikaturi makroekonomiċi**

	1996-2000	2001-2005	2006-2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016
Indikaturi ewlenin									
Rata tat-tkabbir tal-PDG	4.5	2.1	2.0	2.2	2.5	2.5	3.3	3.3	2.9
Id-distakk tal-produzzjoni ¹	-0.1	-0.2	0.4	-0.4	-0.3	-0.3	0.2	0.4	0.5
HICP (bidla annwali %)	m.d.	2.5	2.4	2.5	3.2	1.0	0.8	1.0	1.9
Domanda domestika (bidla % annwali) ²	3.6	1.4	2.2	-2.2	-2.1	3.1	4.4	3.1	2.5
Rata tal-qgħad (% tal-forza tax-xogħol) ³	6.3	7.4	6.6	6.4	6.3	6.4	6.0	5.9	5.9
Formazzjoni grossa kapitali fissa (% tal-PDG)	23.2	20.0	20.7	17.6	17.3	17.3	18.1	18.7	18.0
Tfaddil nazzjonali gross (% tal-PDG)	16.9	15.2	15.1	17.5	16.5	17.9	21.4	22.2	21.6
Amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)									
Għoti b'self nett (+) jew teħid b'self nett (-)	-7.2	-5.5	-3.1	-2.6	-3.6	-2.7	-2.3	-2.0	-1.8
Dejn gross	51.9	68.0	65.0	69.8	67.5	69.5	68.6	68.0	66.8
Assi finanzjarji netti	m.d.	m.d.	-46.1	-49.4	-48.5	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Dħul totali	34.1	37.0	38.6	38.3	38.8	39.7	40.7	41.6	40.9
Nefqa totali	41.4	42.5	41.8	40.9	42.5	42.3	43.0	43.6	42.8
<i>li minnhom: Imgħax</i>	3.0	3.7	3.4	3.2	3.0	2.9	2.8	2.8	2.7
Korporazzjonijiet (% tal-PDG)									
Għoti b'self nett (+) jew teħid b'self nett (-)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Assi finanzjarji netti; korporazzjonijiet mhux finanzjarji	m.d.	m.d.	-84.9	-70.7	-56.8	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Assi finanzjarji netti; korporazzjonijiet finanzjarji	m.d.	m.d.	-10.4	-5.5	0.6	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Formazzjoni kapitali grossa	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Eċċess operazzjonali gross	m.d.	23.9	25.1	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Unitajiet domestiċi u NPISH (% tal-PDG)									
Għoti b'self nett (+) jew teħid b'self nett (-)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Assi finanzjarji netti	m.d.	m.d.	167.9	157.1	159.5	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Pagi u salarji grossi	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Dħul nett mill-proprjetà	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Trasferimenti kurrenti riċevuti	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Tfaddil gross	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Il-bqija tad-dinja (% tal-PDG)									
Għoti b'self nett (+) jew teħid b'self nett (-)	-6.9	-2.6	-5.1	-0.7	2.7	2.6	5.4	5.5	5.5
Assi finanzjarji netti	m.d.	m.d.	-25.4	-29.8	-53.2	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Esportazzjonijiet netti ta' oġġetti u servizzi	-5.3	0.0	-1.1	3.2	7.2	7.1	6.2	6.9	7.4
Dħul primarju uniku mill-bqija tad-dinja	-0.9	-0.9	-3.6	-3.6	-5.1	-5.0	-3.8	-4.0	-4.4
Tranżazzjonijiet kapitali netti	0.7	1.0	1.5	1.1	1.9	1.7	2.1	2.0	1.9
Settur kummerċjabbli	53.0	45.7	40.1	38.2	37.8	37.9	m.d.	m.d.	m.d.
Settur mhux kummerċjabbli	36.8	42.4	47.3	49.0	50.0	49.8	m.d.	m.d.	m.d.
<i>li minnhom: Is-settur tal-bini u l-kostruzzjoni</i>	5.0	6.5	4.5	4.1	3.9	3.7	m.d.	m.d.	m.d.

(1) Id-distakk tal-produzzjoni jikkostitwixxi d-distakk bejn il-prodott domestiku gross attwali u dak potenzjali fi prezzijiet tas-suaq tal-2010.

(2) L-indikatur tad-domanda domestika jinkludi l-istokks.

(3) Persuni aqiegħda huma dawk li ma kinux impjegati, kienu qed ifittxu x-xogħol b'mod attiv u kienu lesti li jibdeu jaħdmu immedjatament jew fi żmien ġimgħtejn. Il-forza tax-xogħol hija n-numru totali ta' persuni impjegati jew aqiegħda. Ir-rata tal-qgħad tkopri l-grupp tal-età minn 15 sa 74 sena.

Sors: Il-previżjoni tax-xitwa 2015 tal-Kummissjoni Ewropea; Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea

Tabella AB.2: **Indikaturi tas-suq finanzjarju**

	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Assi totali tas-settur bankarju (% tal-PDG) ¹⁾	696.8	777.0	767.4	777.1	697.1	705.0
Sehem tal-assi tal-ikbar ħames banek (% tal-assi totali)	72.8	71.3	72.0	74.4	76.5	m.d.
Sjeda barranija tas-sistema bankarja (% tal-assi totali)	36.1	34.9	33.1	30.9	24.3	m.d.
Indikaturi tas-saħħa finanzjarja						
- self inadempjenti (% tas-self totali) ²⁾³⁾	6.2	7.4	7.3	8.2	9.2	9.5
- proporzjon tal-adegwatezza kapitali (%) ²⁾³⁾	13.5	12.9	13.5	14.1	14.9	14.9
- redditu fuq l-ekwita' (%)(2)3)	18.3	19.1	20.0	24.7	19.8	16.2
Self tal-banek lis-settur privat (bidla % sena fuq sena) ¹⁾	-2.8	2.9	3.0	3.5	-7.4	4.8
Self għal xiri ta' dar (bidla % sena fuq sena) ¹⁾	10.0	8.6	8.6	6.8	6.2	8.9
Proporzjon tas-self mad-depożiti ¹⁾	106.6	103.8	94.5	89.8	73.7	69.5
Il-likwidita' tal-Bank Ċentrali bħala % tal-obbligazzjonijiet ⁴⁾	3.6	2.9	1.3	1.1	0.5	0.5
Dejn privat (bħala % tal-PDG)	164.8	160.4	156.7	145.5	137.1	m.d.
Dejn estern gross (% tal-PDG) ⁵⁾						
- pubbliku	6.6	5.8	6.3	8.6	9.0	7.2
- privat	49.1	51.4	55.3	62.9	56.0	54.8
Firxa tar-rati tal-imgħax fit-tutl kontra l-Bund (punti bażi)%	131.9	144.4	188.1	263.1	179.3	144.8
Firxiet tal-iswaps tal-inadempjenza tal-kreditu għat-titoli sovrani (5 snin)*	104.8	149.5	253.2	346.2	215.8	208.5

(1) L-aħħar dejta ta' Novembru 2014.

(2) L-aħħar dejta tat-tieni semestru tal-2014.

(3) Banek domestiċi li jitrattaw biss mar-residenti.

(4) L-aħħar dejta ta' Settembru 2014.

(5) L-aħħar dejta ta' Ġunju 2014. L-awtoritajiet monetarji u l-istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji mhumiex inklużi.

* Imkejja f'punti bażi.

Sors: IMF (indikaturi tas-saħħa finanzjarja); Il-Kummissjoni Ewropea (rati tal-imgħax fit-tul); Il-Bank Dinji (dejn estern gross); BĊE (l-indikaturi l-oħra kollha).

Table ab. 3: **Indikaturi tat-tassazzjoni**

	2002	2006	2008	2010	2011	2012
Dħul totali tat-taxxa (inklużi kontribuzzjonijiet soċjali obligatorji attwali, % tal-PDG)	30.0	33.0	33.0	32.2	33.0	33.6
Tqassim skont il-funzjoni ekonomika (% tal-PDG) ¹						
Konsum	11.8	13.7	13.4	12.8	13.3	13.1
li minnu:						
- VAT	6.2	7.9	7.7	7.5	7.8	7.8
- dazji tas-sisa fuq it-tabakk u l-alkoħol	1.3	1.5	1.2	1.3	1.2	1.3
- enerġija	1.3	1.3	1.4	1.5	1.6	1.6
- oħrajn (residwu)	3.0	3.1	3.0	2.6	2.6	2.4
Xogħol impjegat	10.2	10.3	9.4	9.5	10.0	10.4
Xogħol mhux impjegat	0.9	1.1	1.0	1.1	1.1	1.2
Dħul mill-kapital u min-negozju	5.1	5.8	7.5	7.3	7.2	7.5
Stokks ta' kapital/ġid	2.0	2.1	1.7	1.6	1.5	1.5
<i>p.m.</i> Taxxi ambjentali ²	3.3	3.3	3.4	3.0	3.2	3.0
Effiċjenza tal-VAT ³						
Dħul reali tal-VAT bħala % tad-dħul teoretiku bir-rata standard	54.9	58.3	57.6	56.9	59.6	59.6

(1) Id-dħul mit-taxxa jitqassam skont il-funzjoni ekonomika, jiġifieri skont jekk jinġabrux taxxi fuq il-konsum, ix-xogħol jew il-kapital. Ara l-Kummissjoni Ewropea (2014), Xejriet tat-taxxa fl-Unjoni Ewropea, għal spjegazzjoni aktar dettaljata.

(2) Din il-kategorija tinkludi taxxi fuq l-enerġija, it-trasport u t-tinġis u riżorsi inklużi fit-taxxi fuq il-konsum u l-kapital.

(3) L-effiċjenza tal-VAT hija mkejla permezz tal-proporzjon tad-dħul tal-VAT. Hija definita bħala l-proporzjon bejn id-dħul attwali tal-VAT miġbur u d-dħul li jinġabar jekk il-VAT tiġi applikata bir-rata standard għall-infiq kollu tal-konsum finali (domestiku), li huwa kejl mhux preċiż tal-bażi teoretika pura tal-VAT. Proporzjon baxx jista' jindika tnaqqis tal-bażi tat-taxxa minħabba eżenzjonijiet kbar jew l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa għal firxa wiesgħa ta' oġġetti u servizzi ("id-distakk tal-politika") jew in-nuqqas li tinġabar it-taxxa kollha dovuta pereżempju minħabba l-frodi ("id-distakk tal-ġbir"). Għandu jiġi nnutat li l-iskala relattiva tax-xiri transfruntier (inkluż il-kummerċ fis-servizzi finanzjarji) mqabbla mal-konsum domestiku tinfluwenza wkoll il-valur tal-proporzjon, b'mod partikolari għal ekonomiji żgħir. Għal diskussjoni aktar dettaljata, ara l-Kummissjoni Ewropea (2012), ax Reforms in EU Member States, u OECD (2014), Consumption tax trends.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Tabella AB.4: Indikaturi tas-suq tax-xogħol

	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Ir-rata tal-impjeg (% tal-popolazzjoni fl-età ta' 20-64 sena)	59.2	59.0	60.1	61.6	63.1	64.8	66.1
Tkabbir fl-impjeg (tibdil f% mis-sena ta' qabel)	2.5	0.0	1.7	2.8	2.3	4.0	3.4
Ir-rata tal-impjeg tan-nisa (% tal-popolazzjoni femminili fl-età ta' 20-64 sena)	39.4	40.0	41.6	43.8	46.6	49.8	51.6
Ir-rata tal-impjeg tal-irġiel (% tal-popolazzjoni maskili fl-età ta' 20-64 sena)	78.5	77.5	78.2	79.0	79.2	79.4	80.2
Rata tal-impjeg tal-ħaddiema akbar fl-età (% tal-popolazzjoni fl-età ta' 55-64 sena)	30.1	29.1	31.9	33.2	34.7	36.3	38.1
Impjeg part-time (% tal-impjeg totali, mill-età ta' 15-il sena 'l fuq)	11.5	11.5	12.4	13.4	14.1	15.2	16.1
Impjeg part-time tan-nisa (% tal-impjeg tan-nisa, mill-età ta' 15-il sena 'l fuq)	25.4	23.8	24.9	25.9	26.5	26.8	28.6
Impjeg part-time tal-irġiel (% tal-impjeg tal-irġiel, mill-età ta' 15-il sena 'l fuq)	4.5	5.3	5.9	6.7	7.0	8.2	8.4
Impjeg b'terminu fiss (% tal-impjegati b'kuntratt b'terminu fiss, mill-età ta' 15-il sena 'l fuq)	4.3	5.0	5.4	6.6	6.8	7.5	7.8
Tranżizzjonijiet mill-impjeg temporanju għal dak permanenti	62.7	66.6	10.0	67.2	2.2	25.4	m.d.
Ir-rata tal-qgħad1 (% tal-forza tax-xogħol, il-grupp ta' età ta' 15-74 sena)	6.0	6.9	6.9	6.4	6.3	6.4	5.9
Ir-rata tal-qgħad fit-tul ² (% tal-forza tax-xogħol)	2.5	2.9	3.1	3.1	3.1	2.9	2.7
Ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ (% tal-forza tax-xogħol taż-żgħażagħ ta' età ta' 15-24 sena)	11.7	14.5	13.2	13.3	14.1	13.0	12.7
Rata NEET taż-żgħażagħ (% tal-popolazzjoni fl-età ta' 15-24 sena)	8.3	9.9	9.5	10.2	10.6	10.0	m.d.
Dawk li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni (% tal- popolazzjoni fl-età ta' 18-24 li ma għandhomx aktar minn eduk. sek. u li mhumiex fedukazzjoni ogħla jew taħriġ)	27.2	27.1	23.8	22.7	21.1	20.8	m.d.
Kisba edukattiva terzjarja (% tal-popolazzjoni fl-età ta' 30-34 li temmew b'suċċess l-edukazzjoni terzjarja)	21.0	21.9	20.6	23.4	24.9	26.0	m.d.
Kura tat-tfal formali (minn siegħa sa' 29 siegħa; % tal- popolazzjoni fl-età ta' anqas minn 3 snin)	10.0	4.0	7.0	8.0	16.0	m.d.	m.d.
Kura tat-tfal formali (30 siegħa jew aktar; % tal-popolazzjoni fl- età ta' anqas minn 3 snin)	5.0	4.0	4.0	3.0	1.0	m.d.	m.d.
Il-produttività tax-xogħol għal kull persuna impjegata (bidla % annwali)	0.8	-2.5	1.8	-0.6	0.2	-1.5	0.6
Sigħat maħduma għal kull persuna impjegata (bidla % annwali)	-0.5	0.8	-0.9	6.0	-1.7	-0.8	-0.4
Il-produttività tax-xogħol għal kull siegħa maħduma (bidla % annwali; prezzijiet kostanti)	1.3	-3.3	2.7	-6.2	1.9	-0.7	1.0
Kumpens għal kull impjegat (bidla % annwali; prezzijiet kostanti)	1.0	0.3	-1.8	1.4	2.1	-2.3	0.9
Tkabbir nominali tal-kost għal kull unità lavorattiva (bidla % annwali)	2.8	6.0	-0.5	2.9	4.2	0.8	m.d.
Tkabbir reali tal-kost għal kull unità lavorattiva (bidla % annwali)	-0.2	3.1	-4.4	0.7	2.0	-1.3	m.d.

(1) Persuni qiegħda huma dawk li ma kinux impjegati, iżda kienu qed ifittxu x-xogħol b'mod attiv u kienu lesti li jibdwu jgħidmu immedjatament jew fi żmien ġimagħtejn. Il-forza tax-xogħol hija n-numru totali ta' persuni impjegati jew qiegħda. Id-dejta dwar ir-rata tal-qgħad tal-2014 tinkludi l-aħħar rilaxx mill-Eurostat fil-bidu ta' Frar 2015.

(2) Persuni qiegħda fit-tul huma persuni li ilhom qiegħda għal mill-anqas 12-il xahar.

Sors: Għal infiq għal benefiċċji ta' protezzjoni soċjali ESSPROS; għall-inklużjoni soċjali UE-SILC

Tabella AB.5: Prestazzjoni fis-suq tal-prodotti u indikaturi tal-politika

	2004-08	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Produttività tax-xogħol fl-ekonomija totali (tkabbir annwali f%)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Produttività tax-xogħol ¹ fil-manifattura (tkabbir annwali f%)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Produttività tax-xogħol ¹ fl-elettriku, il-gass (tkabbir annwali f%)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Produttività tax-xogħol ¹ fis-settur tal-konstruzzjoni (tkabbir annwali f%)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Produttività tax-xogħol ¹ fis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-innut (tkabbir annwali f%)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Produttività tax-xogħol ¹ fis-settur tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (tkabbir annwali f%)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Intensità tal-privattivi fil-manifattura ² (applikazzjonijiet tal-privattivi mal-EPO diviżi bil-valur miżjud gross tas-settur)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Indikaturi tal-politika	2004-08	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Infurzar ta' kuntratti ³ (jiem)	m.d.	m.d.	m.d.	505	505	505	505
Żmien biex jinbeda negozju ³ (jiem)	m.d.	m.d.	m.d.	40	40	40	35
Nefqa tar-RuĴ (% tal-PDG)	0.5	0.5	0.6	0.7	0.9	0.9	m.d.
Nefqa totali fuq l-edukazzjoni (% tal-PDG)	5.9	5.3	6.7	8.0	m.d.	m.d.	m.d.
(Indiċi: 0=mhux irregolat; 6=l-aktar irregolat)	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Regolamentazzjoni tas-suq tal-prodott ⁴ , kumplessiva	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	1.57	m.d.
Regolamentazzjoni tas-suq tal-prodott ⁴ , bl-innut	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	1.09	m.d.
Regolamentazzjoni tas-suq tal-prodott ⁴ , servizzi professjonali	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	1.66	m.d.
Regolamentazzjoni tas-suq tal-prodott ⁴ , industrij tan-netwerk ⁵	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	2.28	m.d.

(1) Il-produttività tax-xogħol hija definita bħala l-valur miżjud gross (fi prezzijiet kostanti) diviż bin-numru ta' persuni impjegati.
(2) Dejta dwar il-privattivi firreferi għal applikazzjonijiet ippreżentati lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO). Dawn jingħaddu skont is-sena li fiha jkunu ġew ippreżentati lill-EPO. Huma jitqassmu skont il-post tar-residenza tal-inventur, bl-użu tal-għadd frazzjonali jekk jiġu pprovduti aktar minn inventur wieħed jew klassi ta' IPC waħda, sabiex jiġi evitat l-għadd doppju.

(3) Il-metodoloġiji, inklużi l-preżunzjonijiet, għal dan l-indikatur huma ppreżentati fid-dettall hawn: [HYPERLINK "http://www.doingbusiness.org/methodology"](http://www.doingbusiness.org/methodology).

(4) Indiċi: 0 = mhux regolat; 6 = l-aktar regolat. Il-metodoloġiji tal-indikaturi tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodotti tal-OECD huma ppreżentati fid-dettall hawn: [HYPERLINK "http://www.oecd.org/competition/reform/indicatorsofproductmarketregulationhomepage.htm"](http://www.oecd.org/competition/reform/indicatorsofproductmarketregulationhomepage.htm)

(5) L-indikaturi aggregati tal-OECD tar-regolamentazzjoni fl-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea; Il-Bank Dinji - Doing Business (għall-infurzar tal-kuntratti u l-ħin meħud biex jinbeda negozju); OECD (għall-indikaturi tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodotti)

Tabella AB.6: Indikaturi soċjali

	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Mard/kura tas-saħħa	5.1	5.3	5.9	5.5	5.4	5.7
Invalidità	1.1	1.0	0.9	0.8	0.8	0.7
Età avvanzata u superstiti	9.1	9.3	10.1	10.4	10.1	10.6
Familja/tfal	1.0	1.2	1.2	1.2	1.2	1.2
Qgħad	0.5	0.5	0.6	0.5	0.5	0.6
Djar u esklużjoni soċjali n.e.c.	0.2	0.2	0.2	0.2	0.2	0.1
Total	17.5	17.8	19.3	18.9	18.5	19.2
li minnu: benefiċċji ttestjati għall-mezzi	3.1	2.5	2.6	2.5	2.5	2.5
Indikaturi tal-inklużjoni soċjali	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali ¹ (% tal-popolazzjoni totali)	20.1	20.3	21.2	22.1	23.1	24.0
Tfal fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (% tal-persuni fl-età ta' 0-17 sena)	25.0	26.5	26.7	27.8	31.0	32.0
Anzjani f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (% tan-nies fl-età ta' 65+ snin)	26.0	22.2	21.7	21.0	22.3	20.8
Fir-riskju tal-faqar ² (% tal-popolazzjoni totali)	15.3	14.9	15.5	15.6	15.1	15.7
Deprivazzjoni materjali severa ³ (% tal-popolazzjoni totali)	4.3	5.0	6.5	6.6	9.2	9.5
Proporzjon tan-nies li qed jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa tax-xogħol ⁴ (% tal-persuni fl-età ta' 0-59 sena)	8.6	9.2	9.2	8.9	9.0	9.0
Rata ta' persuni li qed jaħdmu u qegħdin fir-riskju tal-faqar (% tal-persuni impjegati)	5.1	5.4	5.9	6.1	5.2	5.9
Impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar	33.2	34.9	34.0	32.8	37.1	32.6
Limiti minimi tal-faqar, espressi fil-munita nazżjonali fi prezzijiet kostanti ⁵	5963.7	5978.5	5832.3	5949.2	6117.0	6259.5
Dħul disponibbli gross (unitajiet domestiċi)	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Distakk tar-riskju tal-faqar medjan relattiv (60% tad-dħul ekwivalizzat medjan, età: total)	20.3	16.2	17.3	17.7	16.1	19.1
Inugwaljanza tad-distribuzzjoni tad-dħul (proporzjon tas-sehem tal-kwintil tad-dħul S80/S20)	4.3	4.0	4.3	4.0	3.9	4.1

(1) Persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali: individwi li huma f'riskju ta' faqar u / jew qed ibatu minn deprivazzjoni materjali severa u / jew qed jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr xogħol jew b'intensità ta' xogħol baxxa ħafna.

(2) F'riskju ta' faqar: proporzjon ta' nies bi dħul disponibbli ekwivalizzat taħt is-60 % tal-introjt medjan nazżjonali ekwivalizzat.

(3) Il-proporzjon ta' persuni li jesperjenzaw mill-anqas erba' mill-forom ta' deprivazzjoni li ġejjin: ma jkunux jistgħu jaffordjaw li i) iħallsu l-kera jew il-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom, ii) iżommu d-dar tagħhom adegwatament imsaħħna, iii) jiffaċċaw spejjeż mhux mistennija, iv) jieklu laħam, huġ jew ekwivalenti tal-proteina darba kull jumejn, v) igawdu ġimgħa vaganzi l bogħod mid-dar darba fis-sena, vi) ikollhom karozza, vii) ikollhom TV bil-kulur, jew ix) ikollhom telefown.

(4) Persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna tax-xogħol: il-proporzjon tal-persuni fl-età ta' 0-59 sena li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn l-adulti (esklużi tfal dipendenti) ħadmu anqas minn 20 % tal-ħin tax-xogħol potenzjali totali tagħhom matul it-12-il xahar preċedenti.

(5) għall-EE, CY, MT, SI u s-SK, limiti minimi f'valuri nominali f'euro; indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur (HICP) = 100 fl-2006 (l-istħarriġ tal-2007 jirreferi għall-introjt tal-2006)

(6) id-dejta tal-2014 tirreferi għall-medja tal-ewwel tliet trimestri.

Sors: Għal infiq għal benefiċċji ta' protezzjoni soċjali ESSPROS; għall-inklużjoni soċjali UE-SILC.

Tabella AB.7: Tkabbir ekoloġiku

Prestazzjoni tat-tkabbir ekoloġiku		2003-2007	2008	2009	2010	2011	2012
Makroekonomika							
Intensità tal-enerġija	kgoe / €	0.19	0.18	0.16	0.17	0.16	0.15
Intensità tal-karbonju	kg / €	0.60	0.56	0.56	0.54	0.54	0.55
Intensità tar-riżorsi (reċiproka tal-produttività tar-riżorsi)	kg / €	0.79	0.59	0.64	0.53	0.68	m.d.
Intensità tal-iskart	kg / €	m.d.	0.44	m.d.	0.24	m.d.	0.26
Bilanċ tal-enerġija tal-kummerċ	% tal-PDG	-3.4	-2.4	-0.1	1.1	-2.9	-12.7
Piż tal-enerġija fl-HICP	%	5.1	5.8	6.5	6.3	6.7	7.3
Differenza bejn it-tibdil fil-prezz tal-enerġija u l-inflazzjoni	%	6.9	14.3	9.9	27.1	0.4	-2.0
Proporzjon tat-taxxi ambjentali mat-taxxi fuq ix-xogħol	proporzjon	29.9%	32.3%	29.7%	28.4%	28.4%	25.7%
Proporzjon tat-taxxi ambjentali mat-taxxi totali	proporzjon	10.2%	10.2%	9.8%	9.4%	9.6%	8.9%
Settorjali							
Intensità tal-enerġija tal-industrija	kgoe / €	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Sehem tal-industriji intensivi fl-enerġija fl-ekonomija	% tal-PDG	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Prezzijiet tal-elettriku għal utenti industrijali ta' daqs medju**	€ / kWh	m.d.	0.14	0.14	0.19	0.19	0.19
Prezzijiet tal-gass għal utenti industrijali ta' daqs medju***	€ / kWh	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Ruż pubbliku għall-enerġija	% tal-PDG	m.d.	0.00	0.00	0.00	0.00	0.00
Ruż pubbliku għall-ambjent	% tal-PDG	m.d.	0.00	0.00	0.00	0.00	0.00
Rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali	proporzjon	13.1%	3.3%	4.1%	5.2%	13.1%	12.6%
Sehem tal-emissjonijiet tal-GHG koperti mill-ETS*	%	m.d.	66.0	63.4	62.7	63.8	65.4
Intensità tal-enerġija tat-trasport	kgoe / €	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Intensità tal-karbonju tat-trasport	kg / €	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.	m.d.
Sikurezza tal-provvista tal-enerġija							
Dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija	%	99.9	99.9	99.9	99.1	100.7	100.5
Diversifikazzjoni tas-sorsi tal-importazzjoni taż-żejt	HHI	1.00	1.00	1.00	1.00	0.93	0.50
Diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija	HHI	m.d.	1.00	1.00	0.99	0.99	0.98
Sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija	%	0.1	0.2	0.2	0.3	0.4	1.0

Noti speċifiċi għall-pajjiż:

L-2013 mhijex inkluża fit-tabella minħabba nuqqas ta' dejta.

Spjegazzjoni ġenerali tal-elementi tat-tabella:

L-indikaturi kollha tal-makrointensità huma espressi bħala proporzjon ta' kwantità fiżika mal-PDG (fi prezzijiet tas-sena 2000)

Intensità tal-enerġija: konsum gross tal-enerġija fuq l-art (f'kgoe) diviż bil-PDG (f'EUR)

Intensità tal-karbonju: Emissjonijiet tal-gass b'effett serra (f'ekwivalenti ta' kg ta' CO₂) diviżi bil-PDG (f'EUR)

Intensità tar-riżorsi: Konsum materjali domestiku (f'kg) diviż bil-PDG (f'EUR)

Intensità tal-iskart: skart (f'kg) diviż bil-PDG (f'EUR)

Il-bilanċ tal-enerġija tal-kummerċ: il-bilanċ tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-enerġija, espressi bħala % of PDG

Piż tal-enerġija fl-HICP: Il-proporzjon tal-elementi tal-enerġija fil-basket tal-konsum użat għall-konstruzzjoni tal-HICP

Id-differenza bejn il-bidla fil-prezz tal-enerġija u l-inflazzjoni: il-komponent tal-enerġija tal-HICP, u l-inflazzjoni totali tal-HICP (bidla annwali %)

It-taxxi ambjentali mit-taxxi fuq ix-xogħol jew mit-taxxi totali: mill-bażi tad-dejta tad-DĠ TAXUD "Taxation trends in the European Union"

Intensità tal-enerġija tal-industrija: il-konsum finali tal-enerġija tal-industrija (f'kgoe) diviż bil-valur miżjud gross tal-industrija (f'EUR tal-2005)

Is-sehem tal-industriji intensivi fl-enerġija fl-ekonomija: is-sehem tal-valur miżjud gross tal-industriji intensivi fl-enerġija fil-PDG

Il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass għall-utenti industrijali ta' daqs medju: il-faxxa tal-konsum 500-2 000 MWh u 10 000-100 000 GJ; ċifri bil-VAT esklużi.

Ir-rata tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali: il-proporzjon tal-iskart muniċipali riċiklat mal-iskart muniċipali totali

Ir-Ruż għall-enerġija jew għall-ambjent: l-infiq tal-gvern fuq ir-Ruż (GBAORD) għal dawn il-kategoriji bħala % tal-PDG

Il-proporzjon tal-emissjonijiet GHG koperti mill-ETS: abbażi tal-emissjonijiet tal-gass serra (esklużi L-LULUCF) kif irrappurtati mill-Istati Membri lill-Aġenzija Ewropea tal-Ambjent

L-intensità tal-enerġija tal-industrija: il-konsum finali tal-enerġija tal-attività tat-trasport (kgoe) diviż bil-valur miżjud gross tal-industrija tat-trasport (f'EUR tal-2005)

L-intensità tal-karbonju tat-trasport: l-emissjonijiet tal-gass serra fl-attività tat-trasport diviżi bil-valur miżjud gross tas-settur tat-trasport

Id-dipendenza fuq l-enerġija impurtata: importazzjonijiet netti tal-enerġija diviżi bil-konsum gross domestiku tal-enerġija inkluż il-konsum tal-karburanti tal-bastimenti internazzjonali

Id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-importazzjoni taż-żejt: L-Indiċi Herfindahl (HHI), ikkalkulat bħala s-somma tal-ishma tas-sua kwadrati tal-pajjiżi ta' oriġini

Id-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija: L-Indiċi Herfindahl fuq il-gass naturali, il-prodotti totali tal-pitrolju, is-sħana nukleari, l-enerġiji rinnovabbli u l-karburanti solidi

Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija: sehem % tal-konsum gross intern tal-enerġija, espress f'ekwivalenti ta' tunnelli ta' żejt

* Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

** Għall-2007 l-medja ta' S1 u S2 għall-DE, HR, LU, NL, FI, SE u UK. Il-pajjiżi l-oħra għandhom biss S2.

*** Għall-2007 l-medja ta' S1 u S2 għall-HR, IT, NL, FI, SE u UK. Il-pajjiżi l-oħra għandhom biss S2.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea sakemm ma jkunx indikat mod ieħor; Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea.

